

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Dokument ta' Sessjoni*

**A6-0253/2008**

12.6.2008

**\*\*\*I**

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Regolament li jemenda (KE) Nru 1775/2005 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks ta' trasmissjoni tal-gass naturali (COM(2007)0532 – C6-0319/2007 – 2007/0199(COD))

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapporteur: Atanas Paporizov

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa*
- \*\*I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa*
- \*\*II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
- \*\*\* Proċedura ta' kunsens  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
- \*\*\*I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa*
- \*\*\*II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
- \*\*\*III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

### ***Emendi għal test leġiżlattiv***

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa **qawwija u korsiva**. Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhum minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA .....	42
ANNEX: AMBITU ĠENERALI TAS-SETTUR TAL-GASS FL-UE .....	46
OPINJONI TAL- KUMITAT GĦALL-AFFARIJET EKONOMIĊI U MONETARJI.....	48
OPINJONI TAL- KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR .....	65
PROĊEDURA .....	80



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Regolament li jemenda (KE) Nru 1775/2005 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks ta' trasmissjoni tal-gass naturali  
(COM(2007)0532 – C6-0319/2007 – 2007/0199(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill  
(COM(2007)0532),

- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 95 tat-Trattat tal-KE, li f'konformità magħhom, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta lill-Parlament (C6-0319/2007),
  - wara li kkunsidra r-Regola 51 tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A6-0253/2008),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
  2. Jistieden lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk għandha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ieħor;
  3. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex iwassal il-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill u l-Kummissjoni.

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Is-suq intern tal-gass, li ilu jiġi implimentat progressivament mill-1999, għandu l-mira li jipprovdi għażla reali lill-konsumaturi kollha Komunitarji, kemm jekk ċittadini kif ukoll negozji, b'opportunitajiet ġodda ta' negozju u ta' aktar kummerċ transkonfinali, sabiex ikunu żgurati gwadanji fl-effiċjenza, prezzijiet kompetittivi, standards oġhla ta' servizz, kif ukoll sabiex jikkontribwixxi għas-

*Emenda*

(1) Is-suq intern tal-gass, li ilu jiġi implimentat progressivament mill-1999, għandu l-għan li jipprovdi għażla reali lill-konsumaturi kollha Komunitarji, kemm jekk ċittadini kif ukoll jekk negozji, b'opportunitajiet ġodda ta' negozju u ta' kummerċ transkonfinali akbar, sabiex ikunu żgurati gwadanji fl-effiċjenza, prezzijiet kompetittivi, standards oġhla ta' servizz **u aċċess għall-akbar numru ta'**

sigurtà fil-forniment u għas-sostenibbiltà.

**nies possibbli**, kif ukoll sabiex jikkontribwixxi għas-sigurtà fil-forniment u għas-sostenibbiltà.

### *Ġustifikazzjoni*

*L-aċċess għall-gass bi prezzijiet tajbin għall-akbar numru ta' nies possibbli huwa importanti ħafna.*

### **Emenda 2**

#### **Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 3**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Attwlament madankollu, id-dritt ta' bejgħ fi kwalunkwe Stat Membru, b'kundizzjonijiet ugwali u mingħajr diskriminazzjoni, ma jistax jiġi garantit fil-Komunità. B'mod partikolari, aċċess mhux diskriminatorju għan-netwerk, u livell ugwalmart effettiv ta' superviżjoni regolatorja f'kull Stat Membru, għad ma jeżistux.

##### *Emenda*

(3) Attwlament madankollu, id-dritt ta' bejgħ fi kwalunkwe Stat Membru, b'kundizzjonijiet ugwali u mingħajr diskriminazzjoni, ma jistax jiġi garantit fil-Komunità. B'mod partikolari, aċċess mhux diskriminatorju għan-netwerk, u livell ugwalmart effettiv ta' superviżjoni regolatorja f'kull Stat Membru, għad ma jeżistux **u għad hemm swieq iżolati.**

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 3 a (ġdida)**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

**(3a) Bħala l-ewwel pass lejn l-integrazzjoni tas-swieq u sabiex jiġi kompletat is-suq intern ta' l-enerġija, għandu jinkiseb livell suffiċjenti ta' kapaċità ta' interkonnessjoni tal-gass transkonfinali.**

### *Ġustifikazzjoni*

*Il-premessa l-ġdida tkun konformi mal-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tat-8 u d-9 ta' Marzu 2007 fi Brussell, filwaqt li tirrikonoxxi li, fil-prattika, il-livell neċessarju tal-kapaċità ta' l-interkonnessjoni tal-gass se jvarja bejn id-diversi reġjuni ta' l-UE.*

## Emenda 4

### Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li ġgħib l-isem "Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa" saħqet fuq l-importanza li s-suq intern tal-gass naturali jiġi kkompletat, u li l-kumpaniji kollha tal-gass fil-Komunità joperaw skond l-istess kunduzzjonijiet. Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar prospetti għas-suq intern tal-gass u l-elettriku u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Inkjesta skond l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 dwar is-setturi Ewropej tal-gass u l-elettriku (Rapport Finali)" uriet li r-regoli u l-miżuri preżenti ***majjapprovvdux il-qafas meħtieġ biex jintlaħaq*** l-għan ta' suq intern li jiffunzjona tajjeb.

#### *Emenda*

(4) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li ġgħib l-isem "Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa" saħqet fuq l-importanza li s-suq intern tal-gass naturali jiġi kkompletat, u li l-kumpaniji kollha tal-gass fil-Komunità joperaw skond l-istess kunduzzjonijiet. Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar prospetti għas-suq intern tal-gass u l-elettriku u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Inkjesta skond l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 dwar is-setturi Ewropej tal-gass u l-elettriku (Rapport Finali)" uriet li r-regoli u l-miżuri preżenti ***ma ġewx trasposti biżżejjed fl-Istati Membri kollha, bir-riżultat li għadu ma ntlaħaqx b'mod sodisfaċenti*** l-għan ta' suq intern ***ta' l-enerġija*** li jiffunzjona tajjeb.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Ir-reviżjoni settorjali twettqet f'Lulju 2005, fi żmien meta l-parti l-kbira ta' l-Istati Membri kienet għadha ma ttrasponietx kompletament id-Direttiva tal-Gass, u f'Diċembru 2006 il-Kummissjoni ċertifikat (ara MEMO/06/481) li 16 mill-25 Stat Membru kienu għadhom ma ttrasponewx - jew inkella mhux b'mod sodisfaċenti - il-leġiżlazzjoni eżistenti. Il-liġi Komunitarja eżistenti għadha tiġi trasposta kif xieraq fil-liġi nazzjonali.*

## Emenda 5

### Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(6) B'mod partikolari, jinħtieġu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni msaħħa fost l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà progressiva tal-kodiċijiet tekniċi u

#### *Emenda*

(6) B'mod partikolari, jinħtieġu ***kemm il-ħolqien ta' konnessjonijiet fiżiċi bejn in-netwerks tal-gass kif ukoll*** l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni msaħħa fost l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni sabiex tiġi

kummerċjali għall-forniment u l-ġestjoni ta' l-aċċess effettiv transkonfinali għan-netwerks tat-trażmissjoni, u biex jiġi żgurat pjanar ikkoordinat, li jħares 'il quddiem u evoluzzjoni teknika soda tas-sistema ta' trażmissjoni Komunitarja, b'kunsiderazzjoni għall-ambjent, u l-promozzjoni ta' l-effiċjenza fl-enerġija, ir-riċerka u l-innovazzjoni, partikolarment l-introduzzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u ta' teknoloġija b'livelli baxxi ta' karbonju. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom joperaw in-netwerks tagħhom skond dawn il-kodiċijiet komuni tekniċi u tas-suq.

żgurata l-kompatibbiltà progressiva tal-kodiċijiet tekniċi u kummerċjali għall-forniment u l-ġestjoni ta' l-aċċess effettiv **u trasparenti** transkonfinali għan-netwerks tat-trażmissjoni, u biex jiġu żgurati pjanar ikkoordinat, li jħares 'il quddiem u evoluzzjoni teknika soda tas-sistema ta' trażmissjoni Komunitarja, b'kunsiderazzjoni għall-ambjent, u l-promozzjoni ta' l-effiċjenza fl-enerġija, ir-riċerka u l-innovazzjoni, partikolarment l-introduzzjoni ta' sorsi ta' enerġija li jiġġeddu u ta' teknoloġija b'livelli baxxi ta' karbonju. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom joperaw in-netwerks tagħhom skond dawn il-kodiċijiet komuni tekniċi u tas-suq.

## Emenda 6

### Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Biex tkun żgurata l-aħjar ġestjoni tan-netwerks għat-trażmissjoni tal-gass naturali fil-Komunità, għandu jitwaqqaf netwerk Ewropew ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni. Il-kompiti tiegħu għandhom jitwettqu skond ir-regoli Ewropej tal-kompetizzjoni, li jibqgħu applikabbli għad-deċiżjonijiet tan-netwerk Ewropew ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni. Il-kompiti tiegħu għandhom jiġu definiti tajjeb u l-metodu ta' ħidma tagħhom għandu jiżgura l-effiċjenza, ir-rappreżentanza u t-trasparenza. Peress li azzjoni fuq livell reġjonali tista' twassal għal progress, l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jistabbilixxu strutturi reġjonali fi ħdan l-istruttura kumplessiva ta' kooperazzjoni, filwaqt li jiżguraw li r-riżultati fil-livell reġjonali jkunu kompatibbli ma' kodiċijiet u pjanijiet ta' investiment fil-livell Ewropew. ***Il-kooperazzjoni fi ħdan dawn l-istrutturi***

#### *Emenda*

(7) Biex tkun żgurata l-aħjar ġestjoni tan-netwerks għat-trażmissjoni tal-gass naturali fil-Komunità, għandu jitwaqqaf netwerk Ewropew ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni. Il-kompiti tiegħu għandhom jitwettqu skond ir-regoli Ewropej tal-kompetizzjoni, li jibqgħu applikabbli għad-deċiżjonijiet tan-netwerk Ewropew ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni. Il-kompiti tiegħu għandhom jiġu definiti tajjeb u l-metodu ta' ħidma tagħhom għandu jiżgura l-effiċjenza, ir-rappreżentanza u t-trasparenza. Peress li azzjoni fuq livell reġjonali tista' twassal għal progress, l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jistabbilixxu strutturi reġjonali fi ħdan l-istruttura kumplessiva ta' kooperazzjoni, filwaqt li jiżguraw li r-riżultati fil-livell reġjonali jkunu kompatibbli ma' kodiċijiet u pjanijiet ta' investiment fil-livell Ewropew. ***L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-***



**reġjonali tippreżumi separazzjoni bejn l-attivitajiet tan-netwerk minn dawk tal-produzzjoni u l-forniment, fin-nuqqas ta' liema l-kooperazzjoni reġjonali bejn l-operaturi tas-sistema ta' transmissjoni taġhti lok għal aġir antikompetittiv.**

**kooperazzjoni u jissorveljaw l-effikaċja tan-netwerk fil-livell reġjonali.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-promozzjoni ta' l-Istati Membri tal-kooperazzjoni f'livell reġjonali u l-obbligu li tkun immoniterjata l-effikaċja tan-netwerk huma importanti ħafna biex ikunu garantiti kooperazzjoni ġenwina u suq transkonfinali intern ġenwin. Barra minn hekk is-separazzjoni effettiva tas-sjeda m'hijiex kundizzjoni meħtieġa biex tkun iggarantita l-kooperazzjoni reġjonali. Il-kooperazzjoni tista' teżisti u tista' tkun effettiva mingħajr is-separazzjoni tas-sjeda.*

#### **Emenda 7**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Premessa 8**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(8) Il-parteciċipanti kollha tas-suq għandhom interess fil-ħidma mistennija min-netwerk ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni. Il-proċess ta' konsultazzjoni huwa għalhekk essenzjali u l-istrutturi eżistenti stabbiliti biex jiffaċilitaw u jirrazzjonalizzaw il-proċess ta' konsultazzjoni, bħall-EASEE-gass (l-Assoċjazzjoni Ewropea għar-Razzjonalizzazzjoni ta' l-Iskambju ta' l-Enerġija), għandu jkollhom rwol importanti.**

**imħassra**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Konsultazzjonijiet pubbliċi fil-livell ta' l-UE qed jitwettqu attwalment mill-ERGEG. Għalhekk l-Aġenzija għandha twettaq dan il-kompitu peress illi diġà għandha regoli u esperjenza stabbiliti sew fit-twettiq ta' konsultazzjonijiet pubbliċi. Iktar minn hekk, l-Aġenzija qed taġixxi fl-aħjar interessi tal-parteciċipanti tas-swieq kollha, filwaqt li t-TSOs huma parti potenzjalment ikkonċernata. Sabiex tiġi żgurata l-effiċjenza tal-proċess, għandu wkoll jiġi enfasizzat li l-ħolqien ta' wisq korpi ta' konsultazzjoni jista' jwassal għal irduppar tal-konsultazzjoni.*

#### **Emenda 8**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**  
**Premessa 11**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(11) Is-sorveljanza tas-suq li ilha titwettaq mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u mill-Kummissjoni dawn l-aħħar snin, uriet li r-rekwiżiti ta' trasparenza u r-regoli dwar l-aċċess għall-infrastrutturi m'humiex biżżejjed.

*Emenda*

(11) Is-sorveljanza tas-suq li ilha titwettaq mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u mill-Kummissjoni dawn l-aħħar snin, uriet li r-rekwiżiti ta' trasparenza u r-regoli dwar l-aċċess għall-infrastrutturi m'humiex biżżejjed **sabiex ikun garantit suq intern ġenwin, miftuħ u effettiv.**

*Ġustifikazzjoni*

*Biex it-test ikun iktar ċar.*

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**  
**Premessa 13**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(13) Biex tissaħħaħ il-fiduċja fis-suq, il-parteċipanti tiegħu għandhom ikunu żguri li l-aġir abbużiv jista' jiġi ssanzjonat. L-awtoritajiet kompetenti għandhom *jingahatw il-kapaċità* li jinvestigaw *b'mod effettiv* allegazzjonijiet ta' abbuż tas-suq. Għaldaqstant jinħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom aċċess għad-dejta li tipprovdi informazzjoni dwar deċiżjonijiet operazzjonali ta' l-impriżi ta' forniment. Fis-suq tal-gass *dawn* id-deċiżjonijeit kollha huma kkomunikati lill-operaturi tas-sistema f'forma ta' riżervi tal-kapaċità, nominazzjonijiet u flussi realizzati. L-operaturi tas-sistema għandhom iżommu din l-informazzjoni disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti għal perjodu stabbilit ta' żmien.

*Emenda*

(13) Biex tissaħħaħ il-fiduċja fis-suq, il-parteċipanti tiegħu għandhom ikunu żguri li l-aġir abbużiv jista' jiġi ssanzjonat ***b'mod effettiv***. L-awtoritajiet kompetenti għandhom *jingahatw il-kapaċità effettiva* li jinvestigaw allegazzjonijiet ta' abbuż tas-suq. Għaldaqstant jinħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom aċċess għad-dejta li tipprovdi informazzjoni dwar deċiżjonijiet operazzjonali ta' l-impriżi ta' forniment. Fis-suq tal-gass deċiżjonijiet kollha *bħal dawn* huma kkomunikati lill-operaturi tas-sistema f'forma ta' riżervi tal-kapaċità, nominazzjonijiet u flussi realizzati. L-operaturi tas-sistema għandhom iżommu l-informazzjoni *relatata ma' dan* disponibbli ***u aċċessibbli faċilment għall***-awtoritajiet kompetenti għal perjodu stabbilit ta' żmien. ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom ukoll jissorveljaw regolarment il-konformità mar-regoli mill-operaturi tas-sistema.***

## Ġustifikazzjoni

*L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom aċċess faċli għal informazzjoni importanti minn impriżi tal-forniment u għandhom jikkontrollaw li l-impriżi tal-forniment ikunu konformi mar-regoli, sabiex ikun żgurat suq trasparenti, effettiv u mhux diskriminatorju.*

### Emenda 10

#### Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 14

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(14) Il-kompetizzjoni fis-settur domestiku tirrikjedi li l-fornituri ma jìgux imblukkati meta jìgu biex jidħlu fis-swieq ġodda tal-bejgħ bl-imnut. Għaldaqstant jeħtieġ li r-regoli u r-responsabbiltajiet li jiddefinixxu l-katina ta' forniment isiru magħruffin mill-parteċipanti kollha tas-suq, u jeħtieġ li jìgu armonizzati sabiex tittejjeb l-integrazzjoni tas-suq Ewropew.

##### *Emenda*

(14) Il-kompetizzjoni fis-settur domestiku tirrikjedi li l-fornituri ma jìgux imblukkati meta jìgu biex jidħlu fis-swieq ġodda tal-bejgħ bl-imnut. Għaldaqstant jeħtieġ li r-regoli u r-responsabbiltajiet li jiddefinixxu l-katina ta' forniment isiru magħruffin mill-parteċipanti kollha tas-suq, u jeħtieġ li jìgu armonizzati sabiex tittejjeb l-integrazzjoni tas-suq Ewropew. ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom jissorveljaw regolarment il-konformità mar-regoli mill-parteċipanti fis-swieq.***

## Ġustifikazzjoni

*Din iż-żieda hija meħtieġa sabiex tkun iċċarata responsabilità ta' l-awtorità kompetenti, u biex ikun iggarantit l-infurzar tar-regoli.*

### Emenda 11

#### Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 15

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(15) L-aċċess għall-faċilitajiet tal-ħażniet tal-gass u l-faċilitajiet LNG huma insuffiċjenti, u għalhekk hemm ***bżonn*** titjib fir-regoli. Il-monitoraġġ mill-Grupp tar-Regolaturi Ewropej għall-elettriku u l-gass (ERGREG) ***ikkonkluda*** li l-linji gwida volontarji għal prassi tajba ta' *aċċess* lil *partijiet terzi għall-operaturi tas-sistema tal-ħażna*, maqbula bejn il-partijiet kollha interessati fil-Forum ta' Madrid, *mhux* qed

##### *Emenda*

(15) L-aċċess għall-faċilitajiet tal-ħażniet tal-gass u l-faċilitajiet LNG huma insuffiċjenti ***f'ċerti Stati Membri***, u għalhekk hemm ***bżonn ta'*** titjib ***radikali fl-implimentazzjoni tar-regoli eżistenti***. Il-monitoraġġ tal-Grupp tar-Regolaturi Ewropej għall-elettriku u l-gass (ERGREG) *wera* li l-linji gwida volontarji għal prassi tajba ta' aċċess lil *partijiet terzi għall-operaturi tas-sistema tal-ħażna*, *li kienu*

jigü applikati *kif suppost* u għaldaqstant għandhom isiru vinkolanti.

maqbula bejn il-partijiet kollha interessati fil-Forum ta' Madrid, ***f'ċerti każijiet, mhux*** qed jigü applikati *kif suppost* u għaldaqstant għandhom isiru vinkolanti. ***Għalkemm il-linji gwida volontarji attwalment kważi qed jigü trasposti kompletament madwar l-Unjoni Ewropea, jekk isiru vinkolanti, dan iżid il-fiduċja ta' l-operaturi fl-aċċess mhux diskriminatorju għall-ħażniet.***

### *Ġustifikazzjoni*

*Il-linji gwida volontarji għal prassi tajba ta' aċċess lil partijiet terzi għal operaturi tas-sistema tal-ħażna bħalissa qed jigü trasposti f'bosta Stati Membri. Madankollu, il-protagonisti fis-swieq s'issa f'it kollhom fiduċja f'din is-sistema ta' aċċess għall-ħażna, li fil-prattika qed taħdem. Jekk dawn ir-regoli jsiru vinkolanti, dan ikun jikkostitwixxi miżuri ta' bini tal-fiduċja.*

### **Emenda 12**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 1 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

***(c) jiffaċilita swieq bl-imnut ġodda transkonfinali li jiffunzjonaw tajjeb u huma trasparenti u suq bl-ingrossa li wkoll jiffunzjona tajjeb u huwa trasparenti; jipprovdi mekkaniżmi li jarmonizzaw dawn ir-regoli biex jippermettu il-bejgħ u l-forniment tal-gass lil konsumaturi bl-imnut bejn il-fruntieri.***

*Emenda*

***(c) jiffaċilita swieq bl-ingrossa li jiffunzjonaw tajjeb u huma trasparenti b'livell għoli ta' sigurtà tal-provvista tal-gass u jipprovdi mekkaniżmi li jarmonizzaw ir-regoli ta' aċċess għan-netwerk għal skambju transkonfinali tal-gass.***

### **Emenda 13**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 2 – punt -a (ġdid)**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

*(-a) fil-paragrafu 1, l-ewwel punt għandu jinbidel b'li ġej:*

**"1. 'trażmissjoni' tfisser it-trasport ta' gass naturali permezz ta' pipeline ta' transitu jew permezz ta' netwerk ta' pipelines, li prinċipalment fih pipelines bi pressjoni għolja, bl-esklużjoni ta' trasport permezz ta' upstream pipeline jew netwerk ta' pipelines kif ukoll bl-esklużjoni ta' pipelines jew networks ta' pipelines li jgħolqu konnessjoni bejn il-ħażna u d-distribuzzjoni lokali, u b'esklużjoni ġenerali tat-trasport permezz ta' pipelines użati primarjament fil-kuntest tad-distribuzzjoni lokali tal-gass naturali. [...]"**

*Ġustifikazzjoni*

*Id-definizzjoni attwali ta' "trażmissjoni" mhijiex ċara u toħloq konfużjoni, u għalhekk għandha tiġi ċċarata.*

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 3**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 2a

L-operaturi kollha tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jikkooperaw fuq livell Komunitarju billi jstabbilixxu n-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni ta'-Gass sabiex tiġi żgurata ġestjoni ottima u evoluzzjoni teknika soda tan-Netwerk Ewropew tat-trażmissjoni tal-gass.

L-operaturi kollha tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jikkooperaw fuq livell Komunitarju billi jstabbilixxu n-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni ta'-Gass biex tkun żgurata ġestjoni **ottimali, operazzjoni koordinata** u evoluzzjoni teknika soda tan-Netwerk Ewropew tat-trażmissjoni tal-gass **u biex jippromwovu t-tlestija tas-suq intern tal-gass, il-kummerċ transkonfinali u t-tħaddim tas-swieq ta' l-enerġija.**

## Emenda 15

### Proposta għal regolament – att li jemenda

#### Artikolu 1 – punt 3

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 2 b – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Sa mhux aktar tard minn [...] l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tal-gass għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija l-abbozz ta' l-istatuti, il-lista ta' membri li għandhom jissieħbu u l-abbozz tar-regoli ta' proċedura, **inkluż ir-regoli ta' proċedura dwar il-konsultazzjoni ta' partijiet interessati oħra** tan-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass li se jiġi stabbilit.

#### *Emenda*

1. Sa mhux aktar tard minn [...] l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tal-gass għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija l-abbozz ta' l-istatuti, il-lista ta' membri li għandhom jissieħbu u l-abbozz tar-regoli ta' proċedura tan-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass li se jiġi stabbilit.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-konsultazzjoni fil-livell ta' l-Ue s'issa dejjem kienet komplitu ta' l-ERGEG. Dan il-komplitu għandu jingħata lill-Aġenzija futura li tiġi inkarigata li tissalvagwardja l-interess pubbliku.*

## Emenda 16

### Proposta għal regolament – att li jemenda

#### Artikolu 1 – punt 3

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 2b – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Fi żmien **sitt ġimgħat** mill-wasla, l-Aġenzija għandha tagħti opinjoni lill-Kummissjoni dwar l-abbozz ta' l-istatuti, il-lista tal-membri u l-abbozz tar-regoli ta' proċedura.

#### *Emenda*

2. 2. Fi żmien **xahrejn** mill-wasla, l-Aġenzija, **wara li tikkonsulta ma' l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, b'mod partikolari l-utenti u l-klijenti tas-sistema**, għandha tagħti opinjoni lill-Kummissjoni dwar l-abbozz ta' l-istatuti, il-lista tal-membri u l-abbozz tar-regoli ta' proċedura.

## Emenda 17

### Proposta għal regolament – att li jemenda

#### Artikolu 1 – punt 3

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 2 b – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-Kummissjoni għandha tagħti opinjoni dwar l-abbozz ta' l-istatuti, il-lista tal-membri u l-abbozz tar-regoli ta' proċedura fi żmien 3 xhur *mill-wasla ta' l-opinjoni ta' l-Aġenzija*.

#### *Emenda*

3. Il-Kummissjoni għandha tagħti opinjoni dwar l-abbozz ta' l-istatuti, il-lista tal-membri u l-abbozz tar-regoli ta' proċedura ***billi tqis l-opinjoni ta' l-Aġenzija mogħtija taħt il-paragrafu 2 u*** fi żmien 3 xhur mill-wasla ta' *din l-opinjoni*.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni, permezz ta' l-opinjoni espressa mill-Aġenzija, għandha tqis l-opinjonijiet espressi lill-Aġenzija mill-utenti u mill-klijenti tas-sistema meta tkun qed tiddeċiedi dwar l-istatuti, il-membri u r-regoli ta' proċedura għall-ENTSOG.*

## Emenda 18

### Proposta għal regolament – att li jemenda

#### Artikolu 1 – punt 3

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 2 c

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. In-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass għandu ***jadotta***:

(a) ***abbozz ta'*** kodiċijiet ***tekniki u tas-suq*** fl-oqsma msemmija fil-paragrafu 3;

#### *Emenda*

1. ***Sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2a***, in-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass għandu ***jaqbel u jressaq lill-Aġenzija għall-approvazzjoni skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 2d flimkien ma' l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru ... li jistabbilixxi l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi ta' l-Enerġija***:

(a) ***abbozz ta'*** kodiċijiet ***tan-netwerk*** fl-oqsma msemmija fil-paragrafu 3, ***imfassal b'kooperazzjoni mal-parteċipanti fis-swieq***

- (b) għodod komuni għall-operat tan-netwerk u għall-pjanijiet tar-riċerka;
- (c) pjan ta' investiment fuq firxa ta' 10 snin kull sentejn;

(d) programm ta' ħidma annwali;

(e) rapport annwali;

(f) prospettivi annwali dwar il-provvista għas-sajf u għax-xitwa.

2. Il-programm ta' ħidma annwali msemmi fil-paragrafu 1(d) għandu jkun fih il-lista u deskrizzjoni tal-kodiċijiet **tekniċi u tas-suq**, kif ukoll il-pjan dwar il-koordinazzjoni ta' l-operat tan-netwerk u l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp, li għandhom jitfasslu f'dik is-sena u kalendarju indikattiv.

3. Il-kodiċijiet **tekniċi u tas-suq** iddettalja għandhom ikopru l-oqsma li ġejjin, skond il-prijoritajiet definiti fil-programm ta' ħidma annwali:

(a) regoli dwar is-sigurtà u l-affidabbiltà;

(b) regoli dwar il-konnessjoni max-xibka u l-aċċess;

**(c) regoli dwar l-iskambju ta' dejta u dwar l-issetiljar;**

**(d) regoli dwar l-interoperabbiltà;**

**u ma' l-utenti tan-netwerk;**

(b) għodod komuni għall-operat tan-netwerk u għall-pjanijiet tar-riċerka;

(c) pjan ta' investiment fuq firxa ta' 10 snin **li jinkludi rapport ta' adegwatezza tal-provvista u tad-domanda**, kull sentejn;

**(ca) miżuri biex jiġi żgurat li jkun hemm koordinazzjoni attwali ta' l-operat tax-xibka f'kondizzjonijiet normali u f'emerġenzi;**

**(cb) linji gwida dwar il-koordinazzjoni tal-kooperazzjoni teknika bejn il-Komunità u operaturi tas-sistema tal-ħażna f'pajjiżi terzi;**

(d) programm ta' ħidma annwali **bbażat fuq il-prijoritajiet imniżżla mill-Aġenzija;**

(e) rapport annwali;

(f) prospettivi annwali dwar il-provvista għas-sajf u għax-xitwa.

2. Il-programm ta' ħidma annwali msemmi fil-paragrafu 1(d) għandu jkun fih il-lista u deskrizzjoni tal-kodiċijiet **tan-netwerk**, kif ukoll il-pjan dwar il-koordinazzjoni ta' l-operat tan-netwerk u l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp, li għandhom jitfasslu f'dik is-sena u kalendarju indikattiv.

3. Il-kodiċijiet **tan-netwerk** iddettalja għandhom ikopru l-oqsma li ġejjin, skond il-prijoritajiet definiti fil-programm ta' ħidma annwali:

(a) regoli dwar is-sigurtà u l-affidabbiltà **inklużi r-regoli ta' l-interoperabbiltà u l-proċeduri operattivi għas-sitwazzjonijiet ta' emerġenza;**

(b) regoli dwar il-konnessjoni max-xibka u l-aċċess;



**(e) proċeduri ta' operat f'każ ta' emerġenza;**

(f) allokkazzjoni ta' kapaċità u regoli dwar l-amministrazzjoni ta' konġestjoni;

**(g) regoli dwar il-kummerċ;**

(h) regoli dwar it-trasparenza;

(i) regoli ta' bilanċjar **inkluż regoli ta' proċeduri dwar nominazzjonijiet, regoli ta' ħlasijiet ta' nuqqas ta' bilanċ u regoli ta' bilanċjar ta' operat bejn is-sistemi ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni;**

**(j) regoli dwar l-armonizzazzjoni ta' l-istrutturi tariffarji għat-trasportazzjoni**

(k) l-effiċjenza fl-enerġija tan-netwerks tal-gass.

**4. In-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass** għandhom jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-kodiċijiet **tekniki u tas-suq u jinkludu r-riżultati ta' l-attivitajiet ta' sorveljanza tagħhom fir-rapport annwali msemmi fil-paragrafu 1(e).**

5. In-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass għandhom jippubblikaw pjan ta' investment fuq 10 snin għall-Ewropa kollha kull sentejn. Dan il-pjan ta' investment għandu jinkludi t-tfassil tan-netwerk integrat, l-iżvilupp tax-xenarju, rapport dwar is-suffiċjenza ta' provvista u domanda u valutazzjoni tas-saħħa tas-sistema. Il-pjan ta' investment għandu, b'mod partikolari, jibni fuq pjanijiet nazzjonali ta' investment **u fuq** Linji Gwida għal netwerks ta' l-enerġija Trans-Ewropej skond id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Il-pjan ta' investment għandu jidentifika n-nuqqasijiet ta' investment, notevolment fir-rigward ta' kapaċitajiet **transkonfinali.**

(f) allokkazzjoni ta' kapaċità **transkonfinali** u regoli dwar l-amministrazzjoni ta' konġestjoni;

(h) regoli dwar it-trasparenza **relatati man-network;**

(i) regoli ta' bilanċjar **u l-issettiljar;**

(k) l-effiċjenza fl-enerġija tan-netwerks tal-gass.

**4. L-Aġenzija għandha** tissorvelja l-implimentazzjoni tal-kodiċijiet **tan-network min-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass.**

5. In-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass għandhom jippubblikaw pjan ta' investment fuq 10 snin għall-Ewropa kollha kull sentejn **wara l-approvazzjoni tiegħu mill-Aġenzija.** Dan il-pjan ta' investment għandu jinkludi t-tfassil tan-netwerk integrat, **billi jitqiesu l-faċilitajiet ta' ħażna u ta' LNG,** l-iżvilupp tax-xenarju, rapport dwar is-suffiċjenza ta' provvista u domanda u valutazzjoni tas-saħħa tas-sistema. Il-pjan ta' investment għandu, b'mod partikolari, jibni fuq pjanijiet nazzjonali ta' investment **billi jitqiesu l-aspetti reġjonali u Komunitarji ta' l-ippjanar tan-network inklużi l-Linji Gwida għal netwerks ta' l-Enerġija Trans-Ewropej skond id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.** Il-pjan ta' investment għandu

jidentifika n-nuqqasijiet ta' investment, notevolment fir-rigward ta' kapaċitajiet *transkonfinali u għandu jinkludi investimenti fl-interkonnessioni b'mod partikolari, u bħala prijorità l-konnessjonijiet bejn "gżejjer ta' enerġija" u netwerks tal-gass fl-Unjoni Ewropea u investimenti f'infrastruttura oħra neċċessarja għall-kummerċjalizzazzjoni, kompetizzjoni u sigurtà tal-provvista effettivi. Għandha tiġi annessa mal-pjan ta' investment reviżjoni ta' l-ostakoli għal żieda fil-kapaċità transkonfinali tan-netwerk minn diversi proċeduri jew prattiki ta' approvazzjoni. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jimplimentaw il-pjan ta' investment ippubblikat.*

6. *Fuq talba tal-Kummissjoni* in-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass *għandu javża lill-Kummissjoni dwar l-adozzjoni ta' Linji Gwida kif stabbilit fl-Artikolu 9.*

6. In-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass, *fuq inizjattiva tiegħu stess, jista' jipproponi lill-Aġenzija abbozz tal-kodiċijiet tan-netwerk fi kwalunkwe qasam minbarra dawk imniżżla fil-paragrafu 3, bil-għan li jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2a. L-Aġenzija mbagħad għandha tadotta l-kodiċijiet tan-netwerk skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 2ea (żvilupp ta' kodiċijiet tan-netwerk) filwaqt li tiżgura li dawk il-kodiċijiet ma jmorrux kontra l-linji gwida adottati taħt l-Artikolu 2e (żvilupp ta' linji gwida).*

## Emenda 19

### Proposta għal regolament – att li jemenda Artikolu 1 – punt 3

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 2 d – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. In-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass

*Emenda*

2. In-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass

għandu jagħti l-abbozz tal-kodiċijiet **tekniki u tas-suq**, l-abbozz tal-pjan ta' investiment fuq firxa ta' 10 snin u l-abbozz tal-programm ta' ħidma annwali, **inkluż l-informazzjoni dwar il-proċess ta' konsultazzjoni**, lill-Aġenzija.

L-Aġenzija għandha **tipprovdi opinjoni ġġustifikata lill-Kummissjoni fejn tqis li** l-programm ta' ħidma annwali jew il-pjan ta' investiment fuq firxa ta' 10 snin **jiżgurawx in-nuqqas ta' diskriminazzjoni, il-kompetizzjoni effettiva u l-funzjonament effiċjenti tas-suq**.

għandu jagħti l-abbozz tal-kodiċijiet **tan-netwerk u d-dokumenti msemmija fl-Artikolu 2c(1)** lill-Aġenzija, **għall-approvazzjoni**.

L-Aġenzija għandha **tissorvelja l-implimentazzjoni tal-kodiċijiet tekniki, il-pjan ta' investiment fuq 10 snin u l-programm ta' ħidma annwali u għandha tinkludi r-riżultati ta' dik is-sorveljanza fir-rapport annwali tagħha. F'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-kodiċijiet tan-netwerk mill-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni**, il-pjan ta' investiment fuq 10 snin **jew il-programm ta' ħidma annwali tan-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass, l-Aġenzija għandha tipprovdi informazzjoni rigward dan lill-Kummissjoni**.

## Emenda 20

**Proposta għal regolament – att li jemenda Artikolu 1 – punt 3**  
Regolament (KE) Nru 1775/2005  
Artikolu 2 e

*Test propost mill-Kummissjoni*

**L-istabbiliment u l-evalwazzjoni tal-kodiċijiet tekniki u tas-suq**

Wara konsultazzjoni ma' l-Aġenzija, il-Kummissjoni **tkun tista' tistieden lin-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass, fi żmien raġonevoli, biex iħejji kodiċijiet fl-oqsma elenkati fl-Artikolu 2c(3) meta jkun stmaw li kodiċijiet bħal dawn huma meħtieġa għall-funzjonament effiċjenti tas-suq**.

**2.L-Aġenzija għandha tipprovdi opinjoni ġġustifikata lill-Kummissjoni fejn tqis li:**

*Emenda*

**Żvilupp ta' linji gwida**

1. Wara konsultazzjoni ma' l-Aġenzija, il-Kummissjoni **għandha tistabbilixxi lista ta' prijoritajiet annwali fejn jiġu identifikati l-kwistjonijiet ta' l-ikbar importanza għall-iżvilupp tas-suq intern tal-gass**.

2. **Meta titqies il-lista ta' prijoritajiet, il-Kummissjoni għandha tagħti mandat lill-Aġenzija sabiex, fi żmien massimu ta' sitt**

*xhur, tiżviluppa prinċipji ċari u oġġettivi għall-armonizzazzjoni tar-regoli, hekk kif imniżżel fl-Artikolu 2c.*

*(a) kodiċi tekniku jew tas-suq adottat min-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass fl-oqsma elenkati fl-Artikolu 2c(3) ma jiżgurax in-nuqqas ta' diskriminazzjoni, il-kompetizzjoni effettiva u l-funzjonament effiċjenti tas-suq;*

*(b) In-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass ma jaqbilx fi żmien raġonevoli fuq kodiċi tekniku jew tas-suq fl-oqsma elenkati fl-Artikolu 2c(3);*

*(c) l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni jonqsu milli jimplimentaw kodiċi tekniku jew tas-suq adottat min-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass fl-oqsma elenkati fl-Artikolu 2c(3).*

*3.II-Kummissjoni tista', fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq ir-rakkomandazzjoni ta' l-Aġenzija, tadotta linji gwida fl-oqsma elenkati fl-Artikolu 2c(3) fejn tqis li:*

*(a) kodiċi tekniku jew tas-suq adottat min-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass fl-oqsma elenkati fl-Artikolu 2c(3) ma jiżgurax in-nuqqas ta' diskriminazzjoni, il-kompetizzjoni effettiva u l-funzjonament effiċjenti tas-suq;*

*(b) In-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass ma jaqbilx fi żmien raġonevoli fuq kodiċi tekniku jew tas-suq fl-oqsma elenkati fl-Artikolu 2c(3);*

*(c) l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni jonqsu milli jimplimentaw kodiċi tekniku jew tas-suq adottat min-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass fl-oqsma elenkati*

*3. Matul l-abbozzar ta' dawn il-linji gwida, l-Aġenzija għandha tikkonsulta formalment lin-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass u lil persuni oħra kkonċernati, b'mod miftuħ u trasparenti.*

*fl-Artikolu 2c(3).*

*Dawn il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(2).*

*4. Il-paragrafu 3 għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Kummissjoni li tadotta u temenda linji gwida kif stipulat fl-Artikolu 9.*

*4. L-Aġenzija għandha tadotta abbozz ta' linji gwida fuq il-bażi ta' din il-konsultazzjoni. Hija għandha tispeċifika l-osservazzjonijiet irċevuti matul il-konsultazzjoni u tispjega kif ittieħed kont ta' dawn. Għandha tagħti raġunijiet fejn l-osservazzjonijiet ma jkunux tqiesu.*

*4a. Fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba min-naħa ta' l-Aġenzija, il-Kummissjoni tista' tagħti bidu għall-istess proċedura biex jiġu aġġornati l-linji gwida.*

## **Emenda 21**

**Proposta għal regolament – att li jemenda Artikolu 1 – punt 3**  
Regolament (KE) Nru 1775/2005  
Artikolu 2 e a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

### *Artikolu 2ea*

#### *Żvilupp ta' kodiċijiet tan-netwerk*

*1. Fi żmien sitt xhur mill-adozzjoni tal-linji gwida mill-Aġenzija skond l-Artikolu 2e, il-Kummissjoni għandha tagħti l-mandat lin-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass biex jiżviluppa kodiċijiet tan-netwerk b'konformità sħiħa mal-prinċipji stabbiliti fil-linji gwida.*

*2. Fl-abbozzar ta' dawn il-kodiċijiet, in-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass għandu*

*jqis l-għarfien espert mogħti mill-parteċipanti fis-suq u mill-utenti tan-netwerk u għandu jzomhom infurmati bil-progress li jkun sar.*

*3. In-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass għandu jressaq l-abbozz tal-kodiċijiet lill-Aġenzija.*

*4. L-Aġenzija għandha twettaq konsultazzjoni formali b'relazzjoni ma' l-abbozz tal-kodiċijiet tan-netwerk b'mod miftuħ u trasparenti.*

*5. L-Aġenzija għandha tadotta abbozz tal-kodiċijiet fuq il-bażi ta' din il-konsultazzjoni. Hija għandha tispeċifika l-osservazzjonijiet irċevuti matul il-konsultazzjoni u tispjega kif ittieħed kont ta' dawn.*

*6. Fuq inizjattiva ta' l-Aġenzija stess, jew fuq talba tan-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass, tista' ssir reviżjoni tal-kodiċijiet eżistenti skond l-istess proċedura.*

*7. F'każ li l-Kummissjoni tqis li l-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni ikunu naqsu milli jimplimentaw kodiċi tan-netwerk, fuq rakkomandazzjoni ta' l-Aġenzija, hija tista' tressaq dak il-kodiċi tan-netwerk lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 13(1) għall-adozzjoni finali tiegħu skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(2).*

## **Emenda 22**

### **Proposta għal regolament – att li jemenda**

#### **Artikolu 1 – punt 3**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 2 f

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu, in-Netwerk

1. Fil-qadi tad-dmirijiet **tagħha, l-Aġenzija**

PE402.501v01-00

22/80

RR\728954MT.doc

Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass għandu jikkonsulta b'mod miftuħ u trasparenti u fi stadju bikri partikolarment fit-tnejn tal-kodiċijiet tekniċi u tas-suq fil-programm ta' ħidma annwali tiegħu msemmi fl-Artikolu 2c(1) u (3), flimkien mal-partiċipanti kollha fis-suq. Il-konsultazzjoni għandha tinkludi l-impriżi ta' forniment, il-klijenti, l-utenti tas-sistema, l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni, l-operaturi tas-sistema LNG u l-operaturi tas-sistema tal-ħażna, inkluż assoċjazzjonijiet (industrijali) rilevanti, entitajiet tekniċi u pjattaformi tal-partijiet interessati.

2. Id-dokumenti kollha u l-minuti tal-laqgħat relatati mas-suġġetti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom isiru pubbliċi.

3. Qabel ma jiġu adottati l-programm ta' ħidma annwali u l-kodiċijiet tekniċi u tas-suq imsemmija fl-Artikolu 2c(1) u (3), in-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass għandu jindika l-osservazzjonijiet li jkunu daħlu waqt il-konsultazzjoni u kif dawn l-osservazzjonijiet tqiesu. Għandha tagħti raġunijiet fejn l-osservazzjonijiet ma tqisux.

**għandha** tikkonsulta b'mod **formali**, miftuħ u trasparenti l-partiċipanti kollha fis-suq; Il-konsultazzjoni għandha tinkludi l-impriżi ta' forniment, il-klijenti, l-utenti tas-sistema, l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni, l-operaturi tas-sistema LNG u l-operaturi tas-sistema tal-ħażna, inkluż assoċjazzjonijiet (industrijali) rilevanti, entitajiet tekniċi u pjattaformi tal-partijiet interessati.

2. Id-dokumenti kollha u l-minuti tal-laqgħat relatati mas-suġġetti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom isiru pubbliċi.

3. Qabel ma jiġu adottati **l-linji gwida u l-kodiċijiet tan-netwerk, l-Aġenzija għandha** tindika l-osservazzjonijiet li jkunu daħlu waqt il-konsultazzjoni u kif dawn l-osservazzjonijiet *ikunu* tqiesu. Għandha tagħti raġunijiet fejn l-osservazzjonijiet ma tqisux.

**3a. In-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass għandu jikkopera mal-partiċipanti fis-suq u ma' l-utenti tan-netwerk skond l-Artikolu 2ea(2).**

## Emenda 23

### Proposta għal regolament – att li jemenda

#### Artikolu 1 – punt 3

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 2 h

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni

*Emenda*

1. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni

għandhom jistabbilixxu kooperazzjoni reġjonali fi ħdan in-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass sabiex din tikkontribwixxi għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 2c(1). B'mod partikolari, għandhom jipubblikaw pjan ta' investiment reġjonali kull sentejn, u għandhom jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment ibbażati fuq il-pjan ta' investiment reġjonali.

Il-pjan ta' investiment reġjonali ma jistax jmur kontra l-pjan ta' investiment fuq 10 snin imsemmi fl-Artikolu 2c(1)(c).

2. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jipromwovu arranġamenti ta' operat biex jiżguraw ġestjoni ottima tan-netwerk u jipromwovu l-iżvilupp ta' *boroż* fl-enerġija, l-allokazzjoni ta' kapaċità transkonfinali *permezz ta' bejgħ bl-irkant impliċitu* u *l-integrazzjoni* ta' mekkaniżmi ta' bilanċ.

**3. Iż-żona ġeografika li tkun koperta b'kull struttura ta' kooperazzjoni reġjonali tista' tiġi definita mill-Kummissjoni. Dik il-miżura, imfassla biex temenda l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi tissupplimentah, għandha tkun adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmi fl-Artikolu 14(2).**

**Għal finijiet ta' dan, il-Kummissjoni tista' tikkonsulta man-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass u ma' l-Aġenzija."**

għandhom jistabbilixxu kooperazzjoni reġjonali fi ħdan in-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass sabiex din tikkontribwixxi għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 2c(1). B'mod partikolari, ***l-operaturi għall-gass fis-sistema tat-trażmissjoni*** għandhom jipubblikaw pjan ta' investiment reġjonali kull sentejn, u għandhom jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment ibbażati fuq il-pjan ta' investiment reġjonali.

Il-pjan ta' investiment reġjonali ma jistax jmur kontra l-pjan ta' investiment fuq 10 snin imsemmi fl-Artikolu 2c(1)(c).

2. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jipromwovu arranġamenti ta' operat biex jiżguraw ġestjoni ottima tan-netwerk u jipromwovu l-iżvilupp ta' *skambji* fl-enerġija, l-allokazzjoni ***koordinata*** ta' kapaċità transkonfinali ***u l-kompatibilità*** ta' mekkaniżmi ta' bilanċ ***transkonfinali***.

**3a. L-awtoritajiet regolatorji ta' l-Istati Membri u awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħra għandhom jikkoperaw ma' xulxin fil-livelli kollha għall-iskop li jiġi armonizzat it-tfassil tas-suq u jiġu integrati s-swieq nazzjonali tagħhom mill-inqas fl-livell wieħed reġjonali jew iktar, bħala l-ewwel pass intermedju lejn suq intern liberalizzat bis-sħiħ. B'mod partikolari, huma għandhom**



*jippromwovu l-kooperazzjoni ta' l-operaturi tan-netwerk tat-trażmissjoni fil-livell reġjonali u jiffaċilitaw l-integrazzjoni reġjonali tagħhom bil-għan li jinħoloq suq Ewropew, li jiffaċilita l-armonizzazzjoni ta' l-oqfsa regolatorji u tekniċi tagħhom u, b'mod partikolari, jintegra "gżejjer tal-gass" persistenti.*

## **Emenda 24**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 3 a (ġdid)**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(3a) fil-paragrafu 3(1) għandu jinbidel b'li ġej:*

**"1. Tariffi jew metodoloġiji użati għall-kalkolu tagħhom, applikati minn operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni u mill-operaturi tas-sistema LNG u approvati mill-awtoritajiet regolatorji skond l-Artikolu 25(2) tad-Direttiva 2003/55/KE, kif ukoll tariffi ppubblikati skond l-Artikolu 18 (1) ta' dik id-Direttiva, għandhom ikunu trasparenti, għandhom iqisu l-bżonn għall-integrità tas-sistema u għat-titjib tagħha u jirreflettu l-ispejjeż reali li jkunu ntefqu, sakemm l-ispejjeż ikunu jikkorrispondu għal dawk ta' operatur tan-netwerk effiċjenti u li jkun komparabbli strutturalment u jkunu trasparenti, filwaqt li jkunu jinkludu ritorn adegwat fuq l-investimenti[...]. It-tariffi jew il-metodoloġiji użati għall-kalkolu tagħhom għandhom ikunu applikati b'mod mhux diskriminatorju."**

*(Jemenda l-Artikolu 3(1) eżistenti tar-Regolament 1775/2005)*

## *Ġustifikazzjoni*

*Dispożizzjonijiet eżistenti fl-Artikolu 3 dwar l-iffissar ta' standards ta' tariffi f'każijiet fejn ikun hemm effettivament kompetizzjoni "pipeline-to-pipeline" wasslu għall-ħolqien ta' tariffi mhux ibbażati fuq l-ispejjeż f'numru kbir ta' sistemi ta' trażmissjoni. Huwa diffiċli li wieħed jiddetermina l-impatt negattiv fuq il-konsumaturi tal-gass fil-forma ta' żieda fl-ispejjeż jew inkella fil-prezz ta' l-enerġija, iżda dan jista' jitqies bħala li huwa sostanzjali.*

### **Emenda 25**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 3 b (ġdid)**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(3b) fil-paragrafu 3(1) għandu jinbidel b'li ġej:***

***"It-tariffi, jew il-metodoloġiji użati biex huma jiġu kkalkulati, għandhom jiffaċilitaw kummerċ ta' gass effiċjenti kif ukoll il-kompetizzjoni, filwaqt li jevitaw l-irduppjar ta' sussidji bejn l-utenti tan-netwerk u jipprovdu inċentivi għal investiment u jżommu jew joħolqu interoperabilità għan-netwerks ta' trażmissjoni. Dan jista' jkopri trattament regolatorju speċjali għal investimenti ġodda."***

*(Tintroduċi test addizzjonali għall-Artikolu 3(1)(3) eżistenti tar-Regolament 1775/2005.)*

## *Ġustifikazzjoni*

*Dispożizzjonijiet eżistenti fl-Artikolu 3 dwar l-iffissar ta' standards ta' tariffi f'każijiet fejn ikun hemm effettivament kompetizzjoni "pipeline-to-pipeline" wasslu għall-ħolqien ta' tariffi mhux ibbażati fuq l-ispejjeż f'numru kbir ta' sistemi ta' trażmissjoni. Huwa diffiċli li wieħed jiddetermina l-impatt negattiv fuq il-konsumaturi tal-gass fil-forma ta' żieda fl-ispejjeż jew inkella fil-prezz ta' l-enerġija, iżda dan jista' jitqies bħala li huwa sostanzjali.*

### **Emenda 26**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 4**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

It-tariffi għall-utenti tan-netwerk għandhom jiġu stabbiliti b'mod separat, u indipendentement minn kull punt ta' dħul jew ta' ħruġ tas-sistema ta' trażmissjoni. It-tariffi tan-netwerk ma għandhomx jiġu kkalkolati *abbażi tal*-linji kuntrattwali.

*Emenda*

It-tariffi għall-utenti tan-netwerk għandhom jiġu stabbiliti b'mod separat, u indipendentement minn kull punt ta' dħul jew ta' ħruġ tas-sistema ta' trażmissjoni. It-tariffi tan-netwerk ma għandhomx jiġu kkalkolati *abbażi tal*-linji kuntrattwali. ***L-aċċess għan-netwerk għandu jkun miftuħ għal parteċipanti ġodda fuq bażi li ma tkunx diskriminatorja.***

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jkunu ggarantiti t-trasparenza u l-kompetizzjoni effettiva b'opportunitajiet indaqs u bla diskriminazzjoni.*

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 4**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

L-Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 4 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***It-tariffi jew il-metodoloġiji użati għall-kalkolu tagħhom għandhom ikunu applikati b'mod mhux diskriminatorju u għandhom ikunu trasparenti.***

*(Fl-Artikolu 3(1), għandu jiżdied il-ħames subparagrafu)*

*Ġustifikazzjoni*

*It-trasparenza dwar it-tariffi u l-metodoloġiji użati għall-kalkolu tagħhom tikkostitwixxi prerekwiżit prinċipali ta' suq intern li jaħdem kif suppost.*

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 6**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 4 a – paragrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) jiżguraw li joffru servizzi fuq bażi mhux diskriminatorja lill-utenti kollha tan-netwerk li jilqgħu d-domanda tas-suq. B'mod partikolari, fejn operatur tas-sistema ta' LNG jew ta' ħażna joffri l-istess servizz lil klijenti differenti, għandu jagħmel dan taħt termini u kundizzjonijiet kuntrattwali ndaqs;

*Emenda*

(a) jiżguraw li joffru servizzi fuq bażi mhux diskriminatorja lill-utenti kollha tan-netwerk li jilqgħu d-domanda tas-suq. B'mod partikolari, fejn operatur tas-sistema ta' LNG jew ta' ħażna joffri l-istess servizz lil klijenti differenti **b'mod simultanju**, għandu jagħmel dan taħt termini u kundizzjonijiet kuntrattwali ndaqs;

*Ġustifikazzjoni*

*It-termini u l-kundizzjonijiet kuntrattwali jvarjaw tul is-snin, għalhekk huwa biss possibbli li jitqabblu t-termini u l-kundizzjonijiet għal servizzi simili offruti fi żmien partikolari.*

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 6**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 4a – paragrafu 1 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) joffru servizzi li huma kompatibbli ma' l-użu tas-sistemi interkonnessi ta' trasportazzjoni tal-gass, u għandhom jiffaċilitaw l-aċċess billi jikkooperaw ma' l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni;

*Emenda*

(b) joffru servizzi li huma kompatibbli ma' l-użu tas-sistemi interkonnessi ta' trasportazzjoni tal-gass, u għandhom jiffaċilitaw l-aċċess **bla problemi** permezz ta' kooperazzjoni ma' l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni;

*Ġustifikazzjoni*

*L-aċċess bla problemi huwa importanti.*

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 6**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 4a – paragrafu 1 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) jagħmlu pubbliku kull tagħrif rilevanti, b'mod partikulari dejta fuq l-użu u d-disponibbiltà tas-servizzi, fi żmien kompatibbli mal-bżonnijiet kummerċjali raġonevoli ta' l-utenti tal-faċilità ta' ħażna u ta' l-LNG.

*Emenda*

(c) jagħmlu pubbliku kull tagħrif rilevanti, b'mod partikulari dejta fuq l-użu u d-disponibbiltà tas-servizzi, fi żmien kompatibbli mal-bżonnijiet kummerċjali raġonevoli ta' l-utenti tal-faċilità ta' ħażna jew LNG, **bil-kondizzjoni li dawn il-pubblikazzjonijiet jiġu sorveljati mill-awtorità kompetenti.**

*Ġustifikazzjoni*

*Jeħtieġ li l-awtorità kompetenti timmoniterja l-pubblikazzjoni ta' l-informazzjoni meħtieġa, sabiex ikunu żgurati l-effikaċja u l-infurzar tar-regoli.*

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 7 – punt a a (ġdid)**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(aa) Il-paragrafu 2(a) għandu jinbidel b'dan li ġej:***

***"(a) jipprovdi sinjali ekonomiċi adegwati għal użu effiċjenti u massimu tal-kapaċità teknika, jiffaċilita l-investimenti f'infrastruttura ġdida u jiffaċilita kummerċ transkonfinali fil-gass."***

*(Din l-emenda tintroduċi test addizzjonali għall-Artikolu 5(2a)(3) eżistenti tar-Regolament 1775/2005.)*

*Ġustifikazzjoni*

*L-aċċess għall-kapaċità ta' trasport u għalhekk l-applikazzjoni ta' mekkaniżmi adegwati ta' allokkazzjoni tal-kapaċità (CAM) u ta' proċeduri ta' ġestjoni tal-konġestjoni (CMP) li jiżguraw użu effiċjenti ta' l-infrastruttura eżistenti huma kruċjali għall-iżvilupp ta' suq tal-gass*

*Ewropew wieħed. L-Artikolu 5 għandu jiġi emendat billi tiġi inkluża dimensjoni transkonfinali ta' mekkaniżmi ta' allokkazzjoni tal-kapaċità u proċeduri ta' ġestjoni tal-konġestjoni.*

## **Emenda 32**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 7 – punt b**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 5 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jimplimentaw u jippubblikaw proċeduri ta' amministrazzjoni ta' konġestjoni li ***huma bbażati fuq il-prinċipji li ġejjin:***

***(a) f'każ ta' konġestjoni kuntrattwali, l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għandu joffri l-kapaċità mhux użata fuq is-suq primarju tal-anqas ġurnata bil-quddiem, u bil-possibbiltà ta' interuzzjoni;***

***(b) utenti tan-netwerk li jkunu jixtiequ jerġgħu jbiegħu jew jikru l-kapaċità kuntrattata mhux użata tagħhom f'suq sekondarju ser ikunu jistgħu jagħmlu dan. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu nitifika jew informazzjoni dwar l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni mill-utenti tan-netwerk.***

3. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jimplimentaw u jippubblikaw proċeduri ta' amministrazzjoni ta' konġestjoni li ***jiffaċilitaw kummerċ transkonfinali fil-gass fuq bażi mhux diskriminatorja u skond il-prinċipji tal-kompetizzjoni ħielsa.***

***Biex tiġi evitata konġestjoni kuntrattwali, l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għandu joffri l-kapaċità mhux użata fuq is-suq primarju tal-anqas ġurnata bil-quddiem.***

### *Ġustifikazzjoni*

*L-aċċess għall-kapaċità ta' trasport u għalhekk l-applikazzjoni ta' mekkaniżmi adegwati ta' allokkazzjoni tal-kapaċità (CAM) u ta' proċeduri ta' ġestjoni tat-traffiku (CMP) li jiżguraw użu effiċjenti ta' l-infrastruttura eżistenti huma kruċjali għall-iżvilupp ta' suq tal-gass Ewropew wieħed. L-Artikolu 5 għandu jiġi emendat billi tiġi inkluża dimensjoni transkonfinali ta' mekkaniżmi ta' allokkazzjoni tal-kapaċità u proċeduri ta' ġestjoni tat-traffiku.*

## **Emenda 33**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 7**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 5 – paragrafu 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom b'mod regolari jivvultaw id-domanda fis-suq għal investiment ġdid. Meta jippjanaw l-investimenti ġodda, l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jivvalutaw id-domanda fis-suq.

*Emenda*

6. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom b'mod regolari jivvultaw id-domanda fis-suq għal investiment ġdid. Meta jippjanaw l-investimenti ġodda, l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jivvalutaw id-domanda fis-suq **u jqisu s-sigurtà tal-kriterji ta' provvista.**

*Ġustifikazzjoni*

*Id-domanda fis-suq m'għandhiex tkun l-uniku kriterju li għandu jitqies meta jiġu ppjanati investimenti ġodda. Is-sigurtà tal-provvista tikkostitwixxi element ewlieni, u ma tistax tkun garantita jekk l-infrastrutturi huma biss iddiżinjati skond id-domanda, u ma jqisux każijiet, pereżempju, ta' nuqqas fl-infrastruttura tat-trażmissjoni.*

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 7 – punt d**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 5 – paragrafu 6 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**6a. F'każ ta' konġestjoni fiżika fuq medda twila ta' żmien, l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom itaffu l-konġestjoni permezz ta' żieda ta' kapaċitajiet ġodda skond id-domanda fis-suq. Sabiex tiġi evalwata id-domanda fis-suq, l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom iwettqu proċeduri "open-season".**

*Ġustifikazzjoni*

*Il-paragrafu l-ġdid 6a (5) jgħid illi l-obbligu ta' l-operaturi tan-netwerk illi jġestixxu l-konġestjoni jimplika wkoll li tittaffa l-konġestjoni fuq medda twila ta' żmien permezz ta' investiment fl-infrastruttura ġdida skond id-domanda fis-suq, li tiġi evalwata permezz ta' proċeduri "open-season" (li jservu biex jiġu żgurati l-bżonnijiet li tiġi allokata kapaċità jew*

*jingħata aċċess lil partijiet terzi b'mod kemm jista' jkun trasparenti u mhux diskriminatorju. L-operaturi tan-netwerk huma għalhekk obbligati li jorganizzaw proċeduri "open-season".*

### **Emenda 35**

#### **Proposta għal regolament – att li jemenda**

#### **Artikolu 1 – punt 7 – punt d**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 5 – paragrafu 6 b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***6b. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jissorveljaw il-ġestjoni tal-konġestjoni fi ħdan sistemi u interkonnetturi nazzjonali tal-gass.***

***L-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni għandhom iressqu l-proċeduri ta' ġestjoni tal-konġestjoni, inkluża l-allokazzjoni tal-kapaċità, għal approvazzjoni mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu jirrikjedu li jsiru emendi li daww il-proċeduri qabel ma japprovawhom.***

*(Din l-emenda tintroduċi subparagrafu ġdid fl-Artikolu 5 eżistenti tar-Regolament 1775/2005.)*

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-approvazzjoni formali tal-proċeduri tal-ġestjoni tal-konġestjoni mir-regolaturi għandha tkun dikjarata biċ-ċar fir-Regolament 1775/2005 sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni effiċjenti.*

### **Emenda 36**

#### **Proposta għal regolament – att li jemenda**

#### **Artikolu 1 – punt 8**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 5a – paragrafu 3 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(a) L-operatur tas-sistema għandu joffri kapaċità mhux użata ta' faċilitajiet LNG u ta' ħażna fuq is-suq primarju. għall-***

***(a) L-operatur tas-sistema għandu joffri kapaċità mhux użata ta' faċilitajiet LNG u ta' ħażna fuq is-suq primarju **bla dewmien**;***



faċilitajiet ta' ħażna, din l-offerta għandha ssir talanqas ġurnata bil-quddiem, u bil-possibbiltà ta' interuzzjoni;

għall-faċilitajiet ta' ħażna, din l-offerta għandha ssir talanqas ġurnata bil-quddiem, u bil-possibbiltà ta' interuzzjoni;

#### *Ġustifikazzjoni*

Sabiex tkun evitata l-ħażna eċċessiva ta' gass.

#### **Emenda 37**

##### **Proposta għal regolament – att li jemenda**

##### **Artikolu 1 – punt 8**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 5 a – paragrafu 3 – subparagrafu 1 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Dawn il-miżuri għandhom iqisu l-integrità tas-sistema kkonċernata u kif ukoll is-sigurtà tal-provvista.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Skond il-prinċipju rikonoxxut fil-linji gwida dwar prinċipji ta' ġestjoni tal-konġestjoni, irregoli ta' ġestjoni tal-konġestjoni għandhom iqisu l-impenji ta' dawk li jarmaw il-bastimenti lejn konsumaturi finali u l-ispeċifitajiet fiżiċi ta' infrastrutturi.*

#### **Emenda 38**

##### **Proposta għal regolament – att li jemenda**

##### **Artikolu 1 – punt 9 – punt c**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 6 – paragrafu 7

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

7. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jagħmlu pubbliku tagħrif fuq il-provvista u d-domanda ex-ante u ex-post, imsejjes fuq nominazzjonijiet, tbassiriet u l-flussi li jkunu saru ta' dħul u ħruġ mis-sistema. Il-livell ta' dettall tat-tagħrif li jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku għandu jirrifletti t-tagħrif disponibbli għall-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni.

7. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jagħmlu pubbliku tagħrif fuq il-provvista u d-domanda ex-ante u ex-post, imsejjes fuq nominazzjonijiet, tbassiriet u l-flussi li jkunu saru ta' dħul u ħruġ mis-sistema. Il-livell ta' dettall tat-tagħrif li jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku għandu jirrifletti t-tagħrif disponibbli għall-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni. ***L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li tkun ippubblikata l-informazzjoni kollha***

L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom **jagħmlu pubbliċi** l-miżuri li jkunu ttieħdu, kif ukoll l-ispejjeż imġarrba u d-dħul iġġenerat, għall-ibbilanċjar tas-sistema.

Il-parteciċipanti ikkonċernati fis-suq għandhom jagħtu lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni d-dejta msemmija f'dan l-Artikolu.

***meħtieġa.***

L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom **jinfurmaw lill-awtorità regolatorja nazzjonali, fuq talba ta' din, dwar** il-miżuri li jkunu ttieħdu, kif ukoll l-ispejjeż imġarrba u d-dħul iġġenerat, għall-ibbilanċjar tas-sistema.

Il-parteciċipanti ikkonċernati fis-suq għandhom jagħtu lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni d-dejta msemmija f'dan l-Artikolu.

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-informazzjoni hija delikata mill-aspett kummerċjali u tista' tqiegħed lill-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni fi żvantaġġ fis-suq.*

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 10**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 6a – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Għas-servizzi pprovduti, kull operatur tas-sistema LNG u ta' ħażna għandu jagħmel pubbliku tagħrif dwar il-kapaċitajiet miftiehma b'kuntratt u disponibbli tal-faċilitajiet ta' ħażna u LNG, b'mod numeriku, regolari u kontinwu, kif ukoll b'mod standard u li jintuża faċilment.

*Emenda*

2. Għas-servizzi pprovduti, kull operatur tas-sistema LNG u ta' ħażna għandu jagħmel pubbliku tagħrif dwar il-kapaċitajiet miftiehma b'kuntratt u disponibbli tal-faċilitajiet ta' ħażna u LNG, b'mod numeriku, regolari u kontinwu, kif ukoll b'mod standard u li jintuża faċilment. ***L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li tkun ippubblikata l-informazzjoni kollha meħtieġa.***

*Ġustifikazzjoni*

*Jeħtieġ li l-awtorità kompetenti tiżgura li tkun ippubblikata l-informazzjoni meħtieġa, sabiex ikunu ggarantiti t-trasparenza tas-suq u suq tal-gass miftuħ.*

**Emenda 40**

## Proposta għal regolament – att li jemenda

### Artikolu 1 – punt 10

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 6 a – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-operaturi kollha tas-sistema LNG u ta' ħażna għandhom jagħmlu pubbliku l-ammont ta' gass li hemm f'kull faċilità ta' ħażna jew ta' LNG, il-flussi ta' dħul u ta' ħruġ, kif ukoll il-kapaċitajiet disponibbli tal-faċilitajiet ta' ħażna u ta' LNG, inklużi għal dawk il-faċilitajiet li huma eżentati mill-aċċess għal partijiet terzi. Dan it-tagħrif għandu jiġi kkomunikat ukoll lill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni, li għandu jagħmel pubbliku fuq bażi aggregata għal kull sistema jew subsistema ddefinita mill-punti rilevanti. It-tagħrif għandu jiġi aġġornat ta' l-anqas darba kuljum.

#### *Emenda*

4. L-operaturi kollha tas-sistema LNG u ta' ħażna għandhom jagħmlu pubbliku l-ammont ta' gass li hemm f'kull **faċilità** ta' ħażna **jew grupp ta' faċilitajiet ta' ħażna fl-istess żona ta' bilanċ**, jew ta' LNG, il-flussi ta' dħul u ta' ħruġ, kif ukoll il-kapaċitajiet disponibbli tal-faċilitajiet ta' ħażna u ta' LNG, inklużi għal dawk il-faċilitajiet li huma eżentati mill-aċċess għal partijiet terzi. Dan it-tagħrif għandu jiġi kkomunikat ukoll lill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni, li għandu jagħmel pubbliku fuq bażi aggregata għal kull sistema jew subsistema ddefinita mill-punti rilevanti. It-tagħrif għandu jiġi aġġornat ta' l-anqas darba kuljum.

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-operaturi tas-sistemi ta' ħażna jistgħu jbiegħu il-kapaċitajiet tagħhom "bis-sit" jew "bil-grupp ta' siti". Fil-każ ta' dan ta' l-aħħar il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni "bis-sit" mhijiex rilevanti għal utenti b'mod ġenerali. Dan il-prinċipju inżamm fil-GGPSSO: publikazzjoni "bis-sit" jew "bil-grupp ta' siti". Kieku l-pubblikazzjoni tkun biss awtorizzata "bis-sit", dan jista' jinkoraġġixxi mġieba kummerċjali fuq medda qasira ta' żmien (arbitraġġ, spekulazzjoni).*

#### **Emenda 41**

## Proposta għal regolament – att li jemenda

### Artikolu 1 – punt 10

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 6a – paragrafu 4 a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**4a. Sabiex jiġu żgurati tariffi trasparenti, oġġettivi u mhux diskriminatorji u jiġi faċilitat użu effiċjenti ta' l-infrastrutturi, l-LNG u l-operaturi tal-faċilità tal-ħażna jew l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali**

*relevanti għandhom jippubblikaw informazzjoni raġonevoli u dettaljata biżżejjed dwar minn fejn ikunu ġew it-tariffi, dwar il-metodoloġiji u l-istruttura tat-tariffi għal infrastruttura taħt aċċess regolat għal partijiet terzi. L-LNG u l-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni għandhom iressqu l-proċeduri ta' ġestjoni tal-konġestjoni, inkluża l-allokkazzjoni tal-kapaċità, għal approvazzjoni mill-awtoritajiet regolatorji. L-awtoritajiet regolatorji jistgħu jirrikjedu li jsiru emendi li daww il-proċeduri qabel ma japprovawhom.*

### *Ġustifikazzjoni*

*Id-dispożizzjoni dwar it-trasparenza m'għandhiex biss tapplika għall-infrastrutturi ta' trażmissjoni, iżda wkoll għal LNG u faċilitajiet ta' ħażna, peress li dawn l-infrastrutturi huma wkoll soġġetti għal aċċess regolat (minbarra infrastrutturi eżentati u infrastrutturi taħt TPA innegozjati skond l-Artikolu 19 tad-Direttiva 55/2003) u informazzjoni rigward tariffi għandhom tkun ukoll trasparenti għall-aġenti kollha.*

### **Emenda 42**

#### **Proposta għal regolament – att li jemenda**

#### **Artikolu 1 – punt 10**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 6a – paragrafu 4 b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*4b. Meta operatur tas-sistema LNG jew ta' faċilità ta' ħażna iqis li, għal raġunijiet ta' privatezza, wieħed ma jistax jippubblika dejta rikjesta, wieħed għandu jfittex awtorizzazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti biex il-pubblikazzjoni tkun limitata fir-rigward tal-punt jew punti kkonċernati.*

*L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu jew jirrifjutaw l-awtorizzazzjoni skond il-każ, billi jqisu b'mod partikolari l-bżonn li tiġi rispettata l-privatezza kummerċjali leġittima u l-għan li jinħoloq suq intern kompetittiv għall-gass. Jekk l-awtorizzazzjoni tingħata, ħażna*

***disponibbli u/jew il-kapaċità għall-faċilità tas-sistema LNG għandhom jiġu ppubblikati mingħajr indikazzjoni tad-dejta numerika li tmur kontra l-privatezza.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-proposta tal-Kummissjoni ma tipprovdi għal proċedura biex jiġu trattati s-sigrieti kummerċjali relatati ma' attivitajiet tas-sistema LNG u ta' ħażna. Għandu jinstab bilanċ ġust bejn l-interessi tas-suq u dawk tal-privatezza kummerċjali.*

#### **Emenda 43**

##### **Proposta għal regolament – att li jemenda**

##### **Artikolu 1 – punt 12**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 8 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Kull operatur tas-sistema ta' ħażna jew ta' LNG għandu jieħu passi raġonevoli biex id-drittijiet ta' kapaċità jkunu negozjabbli b'mod ħieles, kif ukoll biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ. Kull operatur għandu jiżviluppa kuntratti u proċeduri armonizzati dwar it-trasportazzjoni, il-faċilitajiet LNG u l-faċilitajiet ta' ħażna fis-suq primarju, sabiex jiġi ffaċilitat il-kummerċ sekondarju ta' kapaċità, u sabiex jiġi rikonoxxut it-trasferiment ta' drittijiet ta' kapaċità primarji fejn innotifikat mill-utenti tas-sistema.

#### *Emenda*

Kull operatur tas-sistema ta' ħażna jew ta' LNG għandu jieħu passi raġonevoli biex id-drittijiet ta' kapaċità jkunu negozjabbli b'mod ħieles, kif ukoll biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ. ***Il-kummerċ għandu jsir skond il-prinċipji tat-trasparenza u tan-non-diskriminazzjoni.*** Kull operatur għandu jiżviluppa kuntratti u proċeduri armonizzati dwar it-trasportazzjoni, il-faċilitajiet LNG u l-faċilitajiet ta' ħażna fis-suq primarju, sabiex jiġi ffaċilitat il-kummerċ sekondarju ta' kapaċità, u sabiex jiġi rikonoxxut it-trasferiment ta' drittijiet ta' kapaċità primarji fejn innotifikat mill-utenti tas-sistema.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-prinċipji tat-trasparenza u tan-non-diskriminazzjoni jiżguraw kondizzjonijiet indaqs għall-operaturi kollha u jggarantixxu l-protezzjoni tad-drittijiet tal-konsumatur.*

#### **Emenda 44**

## **Proposta għal regolament – att li jemenda**

### **Artikolu 1 – punt 13**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 8a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' swieq bl-**imnut transkonfinali** li jiffunzjonaw tajjeb u li jkunu trasparenti fuq skala reġjonali kif ukoll Komunitarja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu definiti r-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, ta' l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni, ta' l-impriżi ta' forniment u l-klijenti kif ukoll, jekk meħtieġ, tal-partijiet oħrajn fis-suq, fir-rigward ta' arranġamenti kuntrattwali, impenn lejn il-klijenti, regoli dwar l-iskambju u l-issettiljar tad-dejta, il-proprjetà tad-dejta u r-responsabbiltà dwar il-metraġġ.

Dawn ir-regoli għandhom isiru *pubbliċi, għandhom jiġu mfassla bil-għan li jiġi armonizzat l-aċċess għal klijenti bejn il-fruntieri* u għandhom jiġu soġġetti għal reviżjoni mill-awtoritajiet regolatorji.

#### *Emenda*

Sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' swieq **effettivi**, li jiffunzjonaw tajjeb u li jkunu trasparenti fuq skala reġjonali kif ukoll Komunitarja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu definiti **fid-dettall l-irwoli** u r-responsabbiltajiet ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, ta' l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni, ta' l-impriżi ta' forniment u l-klijenti kif ukoll, jekk meħtieġ, tal-partijiet oħrajn fis-suq, fir-rigward ta' arranġamenti kuntrattwali, impenn lejn il-klijenti, regoli dwar l-iskambju u l-issettiljar tad-dejta, il-proprjetà tad-dejta u r-responsabbiltà dwar il-metraġġ.

*Dawk* ir-regoli għandhom isiru *pubbliċi* u għandhom jiġu soġġetti għal reviżjoni mill-awtoritajiet regolatorji.

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-għan ta' swieq bl-imnut transkonfinali armonizzati mhuwiex neċessarju għall-iżvilupp ta' swieq bl-ingrossa reġjonali u Komunitarji li jaħdmu sew, li għandu jibqa' jikkostitwixxi prijorità. Jeħtieġ li jiġu evalwati l-implikazzjonijiet ta' għan regolatorju bħal dan, kif ukoll l-ispejjeż u l-benefiċċji, li għandhom jiġu analizzati bir-reqqa, peress li huwa probabbli li jkun hemm spejjeż sinifikanti, li jammontaw għal iktar milli jkun hemm benefiċċji.*

## **Emenda 45**

## **Proposta għal regolament – att li jemenda**

### **Artikolu 1 – punt 14**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 9

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Linji gwida

#### *Emenda*

Linji gwida **dwar servizzi ta' aċċess għal**

*partijiet terzi*

1. Fejn xieraq, linji gwida li jipprovdu l-livell miimu ta' armonizzazzjoni meħtieġa għall-ksib ta' l-għan ta' dan ir-Regolament għandhom jispeċifikaw:

(a) dettalji dwar is-servizzi ta' l-aċċess għal partijiet terzi inkluż il-karattru, it-tul ta' żmien u rekwiżiti oħra ta' dawn is-servizzi, skond l-Artikoli 4 u 4a;

(b) dettalji dwar il-prinċipji li fuqhom ikunu bbażati l-mekkaniżmi ta' allokazżjoni ta' kapaċità u dwar l-applikazzjoni tal-proċeduri għall-amministazzjoni ta' konġestjoni f'każ ta' konġestjoni kuntrattwali, skond l-Artikoli 5 u 5a.

(c) dettalji dwar l-għoti ta' informazzjoni u d-definizzjoni tat-tagħrif tekniku meħtieġ għall-utenti tan-netwerk biex jiksbu aċċess effettiv għas-sistema u d-definizzjoni tal-punti kollha rilevanti għar-rekwiżiti tat-trasparenza, inkluż it-tagħrif li għandu jiġi ppubblikat fil-postijiet rilevanti kollha flimkien ma' l-iskeda taż-żmien skond liema dan it-tagħrif għandu jiġi ppubblikat, f'konformità ma' l-Artikoli 6 u 6a.

(d) dettalji dwar il-metodoloġija tat-tariffi, f'konformità ma' l-Artikolu 3;

(e) dettalji dwar ir-regoli għall-ibbilanċjar, f'konformità ma' l-Artikolu 7;

(f) dettalji dwar il-proċeduri fis-suq primarju għall-iffaċilitar tal-kummerċ ta' kapaċità fis-suq sekondarju u t-trasferiment ta' drittijiet primarji ta' kapaċità bejn l-utenti tan-netwerk, f'konformità ma' l-Artikolu 8;

(g) dettalji dwar il-kwistjonijiet fis-suq ta' bejgħ bl-imnut koperti bl-Artikolu 8a;

1. Fejn xieraq, **il-Kummissjoni tista' tadotta** linji gwida li jipprovdu l-livell minimu ta' armonizzazzjoni meħtieġa għall-ksib ta' l-għan ta' dan ir-Regolament, **li** għandhom jispeċifikaw dettalji dwar is-servizzi ta' l-aċċess għal partijiet terzi inkluż il-karattru, it-tul ta' żmien u rekwiżiti oħra ta' dawn is-servizzi, skond l-Artikoli 4 u 4a.

**(h) dettalji dwar is-suġġetti elenkati fl-Artikolu 2c(3).**

2. Linji gwida dwar **il-kwistjonijiet elenkati** fil-paragrafi **1(a), (b) u (c)** fir-rigward ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni huma stipulati fl-Anness.

**Il-Kummissjoni tista' temenda l-linji gwida msemmija fl-ewwel subparagrafu u tadotta linji gwida dwar il-kwistjonijiet elenkati fil-paragrafu 1. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament inter alia billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati bi qbil mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmi fl-Artikolu 14(2)."**

3. L-applikazzjoni u l-emenda tal-Linji gwida adottati skond dan ir-Regolament għandhom jirriflettu d-differenzi bejn is-sistemi nazzjonali tal-gass, u m'għandhomx għalhekk jirrikjedu termini dettaljati uniformi ta' aċċess għal partijiet terzi fil-livell Komunitarju. Huma madankollu jistgħu jiffissaw rekwiżiti minimi li għandhom jiġu sodisfatti sabiex jintlaħqu kondizzjonijiet ta' aċċess għan-netwerk mhux diskriminatorji u trasparenti li huma neċessarji għal suq intern tal-gass, li mbagħad jistgħu jiġu applikati fid-dawl tad-differenzi bejn is-sistema nazzjonali tal-gass.

2. Linji gwida dwar **l-aċċess għal partijiet terzi msemmi** fil-paragrafu **1** fir-rigward ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni huma stipulati fl-Anness.

3. L-applikazzjoni u l-emenda tal-Linji gwida **dwar l-aċċess għal partijiet terzi** adottati skond dan **l-Artikolu** għandhom jirriflettu d-differenzi bejn is-sistemi nazzjonali tal-gass, u m'għandhomx għalhekk jirrikjedu termini dettaljati uniformi ta' aċċess għal partijiet terzi fil-livell Komunitarju. Huma madankollu jistgħu jiffissaw rekwiżiti minimi li għandhom jiġu sodisfatti sabiex jintlaħqu kondizzjonijiet ta' aċċess għan-netwerk mhux diskriminatorji u trasparenti li huma neċessarji għal suq intern tal-gass, li mbagħad jistgħu jiġu applikati fid-dawl tad-differenzi bejn is-sistema nazzjonali tal-gass.

## **Emenda 46**

**Proposta għal regolament – att li jemenda Artikolu 1 – punt 14 a (ġdid)**  
Regolament (KE) Nru 1775/2005  
Artikolu 13 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(14a) Fl-Artikolu 13, l-ewwel punt għandu jinbidel b'li ġej:**



**"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali stabbiliti taħt l-Artikolu 25 tad-Direttiva 2003/55/KE ikollhom il-kompetenza li jiżguraw b'mod effettiv il-konformità ma' dan ir-Regolament billi dawn jingħataw is-setgħa, fir-rigward ta' kwalunkwe ksur singolu, kemm li jimponu sanzjonijiet effettivi, dissważivi u proporzjonati, li jammontaw għal massimu ta' 10 % tal-qliġ annwali ta' l-operatur tas-sistema fis-suq intern tiegħu jew inkella li jirrevokaw il-liċenzja ta' l-operatur. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan sa l-1 ta' Jannar 2010 u għandhom jinfurmawha mingħajr dewmien dwar kwalunkwe emenda sussegwenti."**

*(Artikolu 13(1) tar-Regolament 1775/2005 għandu jiġi adattat)*

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-istat attwali ta' l-implimentazzjoni tar-Regolament 1775/2005 juri nuqqasijiet minħabba li ma hemmx sanzjonijiet effettivi li ġew adottatai mill-Istati Membri. M'għandux ikun hemm spazju għal negozjati f'każ ta' nuqqas ta' konformità, u r-regolaturi għandu jkollhom is-setgħa li jagħmlu użu effettiv mis-setgħat ta' infurzar tagħhom.*

## NOTA SPJEGATTIVA

### Regolament li jemenda r-Regolament Nru 1775/2005 dwar il-kundizzjonijiet ta' aċċess għan-netwerks ta' trażmissjoni ta' gass naturali

#### Evalwazzjoni ġenerali

- Id-dispożizzjonijiet kollha għandhom l-għan li jintroduċu l-għodod Ewropej biex titjeb il-kooperazzjoni u jissaħħaħ it-tħaddim tas-suq intern permezz tal-koordinazzjoni ta' l-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni u l-armonizzazzjoni tar-regoli għall-operaturi ta' sistemi ta' ħażna. L-għan tal-proposta huwa li tiżdied it-trasparenza u l-perspettivi fit-tul, sabiex tkun assigurata provvista ta' gass, ippjanar ta' investiment u jiġi evitat tfixkil serju. Ir-Rapporteur jista' b'mod ġenerali jibqa' fil-livell ta' prinċipji għal dawn l-għanijiet.

- Meta jeżamina l-proposti kollha rrelatati għas-suq tal-gass fit-3et pakkett ta' l-enerġija, ir-Rapporteur huwa konvint li wieħed għandu jżomm f'moħħu l-protezzjoni tal-konsumaturi billi jkunu adottati miżuri trasparenti u soċjalment adegwati. **Madankollu r-Regolament huwa rrelatat mal-miżuri tekniċi li għandhom l-għan li jinholq il-qafas regolatorju tekniku għall-aċċess għan-netwerks. Id-Direttiva għandha tintuża b'mod adegwat bħala l-vettura leġiżlattiva korretta biex ikun indirizzat it-tħassib tal-konsumaturi fil-livell ta' l-UE.** (Artikolu 3 dwar l-obbligi tas-servizz ċivili). B'mod alternattiv il-konsumaturi jistgħu jitħarsu permezz ta' miżuri nazzjonali speċifiċi li għandhom ikunu kompatibbli mal-liġi Ewropea tal-kompetizzjoni.

- Il-Kummissjoni hija wkoll imħassba dwar il-livell ta' konċentrazzjoni fl-attivitajiet ta' bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut, iżda tonqos milli tindirizza l-fattur tas-suq, l-integrazzjoni tal-bejgħ bl-imnut mal-bejgħ tal-gass bl-ingrossa u l-ġenerazzjoni ta' l-elettriku, li aktarx issaħħaħ il-pożizzjonijiet tal-kumpaniji dominanti. B'mod dejjem jiżdied fl-Ewropa, is-swieq qed ikunu ddominati minn kumpaniji integrati ta' bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut li huma attivi kemm fis-swieq ta' l-elettriku kif ukoll f'dawk tal-gass. L-aċċess ta' l-IŻM għan-netwerks irid jitjeb b'mod sinifikanti.

- **Fl-aħħar, tħassib ewlieni, fost oħrajn, huwa li l-istadji differenti ta' implimentazzjoni bejn l-Istati Membri tat-2ni pakkett attwali ta' l-enerġija mhumiex qegħdin jitqiesu kif support. Il-kundizzjonijiet biex tkun assigurata l-implimentazzjoni tat-tielet pakkett iqajmu dubji minħabba li t-2ni parti tal-liberalizzazzjoni għadha ma ġietx infurzata kollha kemm hi. L-adozzjoni ta' miżuri addizzjonali tista' għalhekk tkun sors ta' inċertezza legali. Se jkollhom jinstabu rimedji prattiċi biex tkun assigurata l-implimentazzjoni flimkien mal-proċeduri dwar il-ksur legali.**

**I. II-Kooperazzjoni bejn l-operaturi tas-sistemi tat-trasmissjoni:** il-ħolqien tan-Netzwerk Ewropew ta' l-operaturi tas-sistemi tat-trasmissjoni tal-gass (ENTSO) bħala struttura inkarigata mill-ħidmiet obligatorji huwa pass importanti 'l quddiem.

(i) il-bilanċ ta' poteri bejn l-ENTSO, ir-regolaturi nazzjonali u l-Aġenzija: Ir-Rapporteur iqis li l-qasam ta' kooperazzjoni ta' l-ENTSO huwa definit b'mod wiesa' wisq (l-adozzjoni ta' kodiċijiet armonizzati tekniċi u tas-suq li jkopru r-regoli ta' sigurtà iżda wkoll regoli dwar il-kummerċ, il-koordinazzjoni ta' operazzjonijiet bil-grilja, l-adozzjoni ta' pjan ta' investiment ta' 10 snin, il-pubblikazzjoni ta' pjanijiet ta' żvilupp tan-netwerk). Huwa jemmen li l-azzjoni

ta' l-ENTSOG – bħala forma ta' Regolament konġunt parallel mal-ħidma tal-Kummissjoni Ewropea – għandha tkun limitata għal kwistjonijiet tekniċi rrelatati ma' l-aċċess ta' partijiet terzi għan-netwerk, is-sigurtà u l-kredibilità u r-regoli ta' l-interoperabilità, il-proċeduri operattivi. Ir-Rapporteur jissuġġerixxi firxa aktar ristretta għall-kodiċijiet u r-regoli li se jkunu abbozzati mill-ENTSOG, limitati għall-operat tan-netwerk ta' trażmissjoni.

F'dan il-kuntest, ir-Rapporteur jkkunsidra t-twaqqif ta' l-Aġenzija bħala pass vitali 'l quddiem lejn suq integrat, il-poteri tagħha jistgħu jissaħħu biex ikun approvat il-programm ta' ħidma żviluppat mill-ENTSOG, biex isiru monitoraġġ u reviżjoni ta' l-inizjattivi tat-TSO dwar il-kooperazzjoni reġjonali u ssir koordinazzjoni ta' l-abbozzar tal-pjan ta' investiment ta' 10 snin. Ir-Rapporteur jissuġġerixxi wkoll li l-Aġenzija tapprova l-kodiċijiet abbozzati mill-ENTSOG.

*(ii) l-involviment ta' operaturi oħra u partijiet interessati fis-suq tal-gass:* Dispożizzjonijiet addizzjonali li jassiguraw il-mekkaniżmu adattat għal konsultazzjoni minn qabel mal-partijiet għandu jkun previżt bl-involviment fost l-oħrajn ta' l-assoċjazzjoni tal-gass EASEE. Il-firxa wiesgħa tal-partijiet interessati għandha tkun ikkonsultat, inklużi l-produtturi, l-operaturi tan-netwerks, il-fornituri u l-konsumaturi.

L-Aġenzija għandu jkollha wkoll ir-responsabbiltà li tikkonsulta lill-partijiet interessati kollha meta tagħmel il-proposti u r-rakkomandazzjonijiet.

**II. L-Integrazzjoni tas-suq permezz ta' inizjattivi reġjonali:** il-qafas regolatorju għdid jippromwovi l-inizjattivi reġjonali bejn l-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni u l-awtoritajiet regolatorji, sabiex tkun assigurata l-aħjar ġestjoni tan-netwerk u l-ippjanar u t-twassil xieraq ta' l-investment.

*(i) pass meħtieġ lejn suq intern integrat:* Ir-Rapporteur iqis li d-dimensjoni tal-kooperazzjoni reġjonali mhijiex definita b'mod ċar fil-proposta, għalkemm huwa pass importanti lejn suq intern integrat. Huwa essenzjali li jkun hemm ħolqa ma' "gżejjer ta' l-enerġija" bħall-Istati Baltiċi jew il-Peniżola Iberika.

Għaldaqstant ir-Rapporteur jissuġġerixxi li r-Regolament tal-gass għandu jimponi fuq it-TSOs kalendarju preċiż flimkien ma' objettivi konkreti biex ikunu implimentati fil-livell reġjonali, biex jinkiseb it-twaqqif ta' 'interfaces' għal utenti uniċi. Ir-Rapporteur huwa wkoll imħasseb dwar l-irwol ta' l-Aġenzija dwar l-inizjattivi tat-TSOs rigward il-kooperazzjoni reġjonali u jagħti s-setgħa lill-Aġenzija biex jiżgura l-konverġenza meħtieġa ta' l-oiqfsa tekniċi u regolatorji bejn ir-reġjuni kif ukoll is-sorveljanza tal-pjan ta' investiment reġjonali.

*(ii) kif jista' r-Regolament iħaddem b'mod Prattiku "l-inizjattivi reġjonali" ?* Il-proposti tal-Kummissjoni jistgħu jissaħħu permezz ta': it-twaqqif ta' 'interfaces' għal utent uniku (speċi ta' one stop shop), li jassiguraw il-funzjonijiet kummerċjali f'isem bosta TSOs, fil-livell reġjonali. L-oqsma fejn it-TSOs huma obbligati jikkooperaw għandhom ikunu identifikati b'mod aktar ċar. It-TSOs jistgħu jqisu t-twaqqif ta' entitajiet reġjonali b'responsabbiltajiet definiti.

**III. Is-Sigurtà tal-provvista:** Għar-Rapporteur, jeħtieġ bilfors li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament ikunu eżaminati fil-perspettiva tas-sigurtà tal-provvista.

**- L-Ippjanar ta' l-investimenti:** skond l-abbozz tar-Regolament, l-iskema volontarja ta' 10

snin ta' l-iżvilupp tan-netwerk se ssir fil-livell ta' l-UE mill-ENTSOG.

*(i) Il-ħtieġa li l-pjan ta' żvilupp jissaħħaħ:* L-ippjanar ta' l-investment irid ikun immexxi minn perspettiva u l-ħtiġijiet ta' l-utenti tas-suq, fil-livell nazzjonali fejn it-TSOs jippjanaw l-investment indipendenti tagħhom kif ukoll fil-livell Ewropew. Ir-Rapporteur huwa ta' l-opinjoni li dawk il-pjanijiet iridu jkunu approvati mir-regolaturi nazzjonali – u mhux biss sottomessi għall-pariri lill-Aġenzija – u jsir monitoraġġ strett jekk irridu li jkunu effettivi; il-koordinazzjoni bejn il-pjanijiet nazzjonali, reġjonali u Ewropej trid tkun iċċarata.

*(ii) Il-pjanijiet ta' investment għandhom ikunu żviluppati fuq l-istess livell mit-TSOs kollha indipendentement mill-istruttura tas-suq adottata finalment fid-Direttiva (separazzjoni proprjetarja, ISO, jew kull soluzzjoni oħra).*

Il-pjan ta' investment għandu jkun issprveljat mill-Aġenzija u n-NRA biex ikun żgurat li l-investment meħtieġ isir fil-ħin. Madankollu, f'dan l-istadju, ir-Rapporteur iqis li r-Rapport tiegħu għandu jimxi 'l quddiem b'mod parallel max-xogħlijiet parlamentari fuq id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva proposta dwar is-suq tal-gass naturali. Huwa jqis li għadu kmieni biex jiddaħħal mekkaniżmu speċifiku dwar l-implimentazzjoni ta' l-investimenti, il-ħolqa bejn il-pjanijiet nazzjonali u l-pjanijiet Ewropej u l-mekkaniżmi ta' approvazzjoni ta' l-investimenti mir-regolaturi nazzjonali. Għalissa, ir-Rapporteur jipproponi miżuri addizzjonali biex jinvolvi għall-inqas lill-Aġenzija fit-tnejn tal-pjanijiet Ewropej ta' investment ta' 10 snin.

**- L-Aċċess għall-ħażna:** Il-qafas regolatorju għall-operaturi tas-sistemi tal-ħażna se jkun armonizzat skond il-prattiċi tajba u l-linji gwida diġà stabbiliti mill-ERGEG. Id-dispożizzjonijiet eżistenti tar-Regolament attwali dwar it-TSOs jiġi estiż għall-operaturi tal-ħażna biex tinħoloq strateġija komuni għall-aċċess ta' partijiet terzi għall-ħażna u t-terminals LNG.

*(i) Ir-Rapporteur iqis li r-regoli għall-aċċess għall-faċilitajiet ta' ħażna m'għandhomx jipperikolaw is-sigurtà fit-tul tal-provvista.* Klawsola li tintroduċi xi forom ta' protezzjoni għandha tiżdied mad-dispożizzjonijiet ta' l-Art 5a, fir-rigward tad-Direttiva 2004/67/KE rigward is-sigurtà tal-provvista tal-gass.

*(ii) Ir-Regoli tal-ġestjoni ta' konġestjoni applikati mit-TSOs, l-operaturi tal-ħażna u l-operaturi ta' l-LNG* (fuq il-bażi ta' kapaċità li tista' tkun interrotta u b'aċċess li jista' jsir ta' kuljum) għandhom ikunu ddefiniti b'mod sod u għandhom mill-inqas jikkunsidraw l-eżistenza ta' kuntratti fit-tul u mekkaniżmi ta' flessibilità.

**IV. Ir-Rekwiżiti tat-trasparenza:** ir-Regolament propost jestendi r-rekwiżiti tat-trasparenza li jeżistu diġà għat-TSOs biex ikopri l-ħażniet kummerċjali tal-gass, it-tbassir tat-talba u d-disponibilità tal-kapaċità, l-ispejjeż biex ikun hemm bilanċ bejn in-netwerk u l-kummerċ. Dispożizzjonijiet ġodda japplikaw ukoll għat-TSOs rigward l-informazzjoni dwar il-provvista u d-domanda li tingħata qabel u wara, u l-miżuri meħuda biex tiġi bbilanċjata s-sistema.

Għalkemm dawk id-dispożizzjonijiet huma punt importanti fit-triq lejn it-titjib tat-trasparenza fl-operat għall-benefiċċju ta' l-atturi kollha tas-suq u għalkemm id-dritt ta' aċċess huwa leġittimu, ir-Rapporteur jikkalkula qisu li sakemm il-kunfidenzjalità kummerċjali adattata tkun iggarantita, il-pubblikazzjoni ta' dejta bħal din b'mod ġenerali ssaħħaħ is-suq. Ta' min wieħed jiftakar, madankollu, li ċerti transazzjonijiet tal-gass huma kummerċjalment sensitivi ħafna. Xi salvagwardji kienu introdotti meta nħasset il-ħtieġa.

**V. L-Aspetti istituzzjonali:** Ir-Regolament m'huwix ċar biżżejjed rigward il-proċess tal-

komitoloġija rigward il-prerogattivi ta' l-ENTSOG.

(i) min-naħa waħda, jekk l-ENTSOG ikollha x-xogħol li telabora l-kodiċijiet, il-Kummissjoni tista' tintervjeni taħt ċirkostanzi preċiżi permezz tal-proċedura tal-komitoloġija meta jitqies li l-kodiċijiet tekniċi jew tas-suq adottati mill-ENTSOG ma jassigurawx nuqqas ta' diskriminazzjoni, kompetizzjoni effettiva u t-tħaddim effiċjenti tas-servizz;

(ii) min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni tista' tiegħu l-inizjattiva skond l-Artikolu 9 u tadotta l-"linji gwida" fl-istess qasam, minkejja ċ-ċirkostanzi, biex tispeċifika d-dettalji dwar is-servizzi ta' aċċess għall-partijiet terzi, mekkaniżmi ta' allokkazzjoni tal-kapaċità, proċedura ta' l-immaniġġjar ta' konġestjoni, eċċ.

Meta titqies il-firxa wiesgħa tas-suġġetti fejn hi maħsuba li ssir l-adozzjoni tal-Linji Gwida, ir-Rapporteur jipproponi li proċedura ċara u soda "ex-ante" għandha tinkwadra u ttejjgħi l-proċess tal-komitoloġija, f'kooperazzjoni ma' l-Aġenzija u f'konsultazzjoni mal-partijiet interessati. Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi u tipprijoritizza il-lista tas-suġġetti f'kooperazzjoni ma' l-Aġenzija proposta (ACER) u l-abbozz tal-Linji Gwida għandu jkun suġġetti għal konsultazzjoni pubblika jew jekk ikun adattat evalwazzjonijiet regolari mill-Kummissjoni u l-ACER.

## ANNEX: AMBITU ĠENERALI TAS-SETTUR TAL-GASS FL-UE

### (i) L-importanza tal-gass fost it-tipi ta' enerġija Ewropea hija kruċjali:

- minn 23% ta' l-enerġija Ewropea llum, il-gass se jammonta għal 28% fl-2030;
- il-gass jikkostitwixxi 1/5 ta' l-elettriku kollu ġġenerat,
- m'hemmx alternattiva għat- tkabbir fid-domanda għall-gass: id-domanda għall-gass żdiedet b'35% f'10 snin;

### (ii) Il-kwistjoni partikolari tal-gass hija s-sikurezza fil-provvista:

- il-produzzjoni domestika qiegħda tonqos u l-gass jinxtara prinċipalment minn ftit produttori fuq quddiem u b'saħħithom barra l-UE b'kuntratti fuq żmien twil: il-gass jiġi importat l-aktar minn pajjiżi terzi (62% in 2006),
- id-dipendenza ta' l-Ewropa fuq l-importazzjonijiet se tiżdied għal aktar minn 80% fl-2030;

### (iii) Is-sikurezza ta' l-enerġija għandha tintlaħaq fil-kuntest ta' suq kompetittiv ibbażat fuq regoli trasparenti filwaqt li jiġu kkunsidrati l-interessi bażiċi tal-konsumaturi:


### (iv) bżonn sinifikattiv ta' investimenti:

skond l-IEA l-Ewropa għandha tinvesti 400 biljun \$ għall-perjodu 2005 – 2030 biex tiżgura s-sikurezza tal-provvista, fosthom madwar 160 biljun \$ fin-netwerks ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, 20 biljun \$ fil-faċilitajiet LNG u 220 biljun \$ f'operazzjonijiet lejn il-bidu tal-katina.

### (iii) Problemi tekniċi li jridu jiġu ssuperati fis-settur tal-gass:


- in-nuqqas ta' armonizzazzjoni ta' standards tekniċi u ta' prerogattivi ta' regolaturi nazzjonali;
- in-nuqqas ta' viżjoni prospettiva fil-livell ta' UE għall-previżjoni ta' ħtiġijiet ta' investiment: esplorazzjoni u produzzjoni ta' bjar taż-żejt ġodda, metwerks ta' pipelines, tankers u terminals ta' l-LNG kif ukoll faċilitajiet ta' ħżin taħt l-art;
- koordinazzjoni insuffiċjenti, speċjalment dwar kwistjonijiet transkonfinali.

**Provvisa Totali ta' Enerġija Primarja ta' I-EU-27 (2004): madwar 1 800 Mtoe**



Sors: Kummissjoni Ewropea DG TREN, Eurostat

**Oriġini ta' Gass Naturali ta' I-EU-27 (2004)**



Sors: Kummissjoni Ewropea DG TREN, Eurostat

8.5.2008

## **OPINJONI TAL- KUMITAT GĦALL-AFFARIJET EKONOMIĊI U MONETARJI**

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1775/2005 dwar il-kundizzjonijiet ta' aċċess għan-netwerks ta' trażmissjoni ta' gass naturali (COM(2007)0532 – C6-0319/2007 – 2007/0199(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Christian Ehler

### **ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA**

Il-Kummissjoni ddikkjarat, fuq il-bażi tar-raġunijiet u l-kjarifiki għall-emendi leġiżlattivi proposti fil-qafas tal-pakkett għas-suq intern, li, minkejja l-progressi kontinwi, ir-Regolamenti leġiżlattivi attwali għas-suq intern ta' l-enerġija ma jidherx li huma biżżejjed sabiex jiġi kkompletat is-suq intern.

Il-proposta tal-Kummissjoni li temenda r-Regolament (KE) Nru 1775/2005 dwar il-kundizzjonijiet ta' aċċess għan-netwerks tat-trażmissjoni ta' gass naturali għandha l-għan li testendi l-oġettivi tal-qafas legali sabiex jinkludu:

- id-definizzjoni tar-regoli ta' nondiskriminazzjoni għall-kundizzjonijiet ta' l-aċċess għall-faċilitajiet ta' l-LNG u l-faċilitajiet ta' ħażna,
- il-promozzjoni ta' l-iżvilupp ta' suq transkonfinali għall-bejgħ bl-ingrossa li jiffunzjona tajjeb u b'mod trasparenti, u kif ukoll
- il-promozzjoni ta' l-iżvilupp ta' suq ta' bejgħ bl-imnut li jiffunzjona tajjeb u b'mod trasparenti.

Din l-opinjoni tappoġġja b'mod espliċitu is-sejħa biex jitlesta s-suq intern mill-iktar fis possibbli. Is-suq intern għandu rwol importanti għaliex ikompli jżid is-sigurtà tal-provvista bi prezz li jista' jintlaħaq. Madankollu, l-istrumenti u r-regolamenti li l-Kummissjoni tissuġġerixxi fl-abbozz ta' regolament, ma jistgħux jiġu approvati b'mod komprensiv.

B'mod partikulari tista' ssir kritika fir-rigward ta':



- l-evalwazzjonijiet ta' l-impatt ippreżentati,
- in-nuqqas, f'xi drabi, li jitħares il-prinċipju tas-sussidjarjetà,
- it-tqassim mhux kunsistenti tal-kompetenzi ta' l-istrutturi Ewropej, u kif ukoll
- l-estensjoni tas-setgħat tal-Kummissjoni u tal-proċeduri ta' kumitoloġija għall-iffissar ta' linji gwida.

Mingħajr ma wieħed jidħol fid-dettall ta' l-emendi tar-rapporteur tagħkom, għandu jkun innutat li l-mistoqsijiet bil-miftuħ dwar il-kredibilità ta' l-evalwazzjonijiet ta' l-impatt - li ġew ifformulati b'mod partikulari mill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, ma ngħatawx tweġiba sodisfaċenti. Huwa indispensabbli li meta tiġi proposta leġiżlazzjoni fil-ġejjieni jkun żgurat li jekk l-evalwazzjonijiet u l-analiżi ma jreġux spezzjoni kritika, l-evalwazzjoni ta' l-impatt u allura l-proposta tal-Kummissjoni, ma jiġux rikonoxxuti.

Hemm nuqqas fil-ħarsien tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, b'mod partikulari fir-rigward tar-regolamenti proposti fil-qasam tas-suq tal-bejgħ bl-ingrossa. L-armonizzazzjoni proposta tintervjeni b'mod estensiv f'oqsma legali li jaqgħu taħt il-kompetenza ta' l-Istati Membri. Minflok wieħed jipprova jilħaq armonizzazzjoni fuq livell Ewropew, l-għan ta' aċċess transkonfinali mtejjeb għas-suq tal-bejgħ bl-ingrossa trasparenti għandu jinkiseb permezz ta' regoli nazzjonali. Din l-opinjoni tintroduċi obbligu leġiżlattiv ġdid biex jitħeġġeġ u jiġi żgurat aċċess transkonfinali għall-konsumaturi, permezz ta' dispożizzjonijiet f'diversi oqsma tal-liġi.

Punt ewlieni ieħor ta' din l-opinjoni huwa li turi l-ispejjeż tar-regolamenti proposti b'mod iktar trasparenti u biex jiġi ċċarati it-tqassim tar-responsabilitajiet u d-dmirijiet fl-istrutturi Ewropej ġodda. Għal dan l-iskop ġiet ifformulata emenda f'dan id-dokument sabiex il-finanzjament ma jsirx permezz ta' żidiet bla kontroll fil-prezzijiet, iżda jsir direttament mill-baġit ta' l-UE. Fir-rigward tat-tqassim tad-dmirijiet, ir-responsabilitajiet doppji ġew sostitwiti b'allokazzjonijiet ċari ta' kompetenzi lill-Kummissjoni, lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, lill-Aġenzija u lin-Netwerk għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass li għandu jitwaqqaf.

It-tielet punt ewlieni ta' dawn l-emendi huwa l-formulazzjoni ta' limiti legali għall-azzjonijiet tal-Kummissjoni. Il-proċedura preċedenti taħt dan ir-Regolament – li l-linji gwida kienu jiġu adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill u setgħu jiġu emendati iktar tard mill-Kummissjoni permezz ta' proċedura standard – m'għandhiex tiġi abbandunata. Dawn l-emendi joħlqu l-kundizzjonijiet li l-Kummissjoni għandha bżonn għall-kwistjonijiet tekniċi. Madankollu, għall-kwistjonijiet ta' interess soċjali u politku għoli, għandha tapplika l-proċedura leġiżlattiva normali. Sabiex jiġi evitat kull ostaklu għall-konsultazzjoni leġiżlattiva li għaddejja bħalissa, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tintroduċi dispożizzjonijiet uterjuri jew tadotta linji gwida bħala emendi għar-regolament il-ġdid fi proċedura ulterjuri.

L-opinjoni għandha l-għan ukoll li tindika approċċ ġdid għall-iżvilupp iktar mgħaġġel tal-kapaċitajiet tan-netwerk. Huwa importanti li jiġi nnutat li, flimkien ma' iktar investiment mill-operaturi tan-netwerk, proċeduri ta' awtorizzazzjoni simplifikati u b'inqas spejjeż jistgħu jeħilsu mill-konġestjonijiet b'mod iktar mgħaġġel. Sabiex tinkiseb ħarsa ġenerali aħjar tal-ħin li jieħdu l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni u kif ukoll ta' l-ispejjeż relatati madwar l-Ewropa, u

sabiex jġu identifikati wkoll dawk ir-regolamenti li jtellfu l-iżvilupp tan-netwerk transkonfinali, in-Netwerk għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass li għandu jitwaqqaf għandu jingħata funzjoni ta' monitoraġġ f' dan il-qasam. Għandhom isiru sforzi, fil-forma ta' l-aħjar prattika jew ta' dispożizzjonijiet leġislattivi, sabiex issir ħidma lejn il-kisba ta' kundizzjonijiet ta' qafas imtejba fir-rigward tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament – att li jemenda

##### Artikolu 1 – punt 3

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 2c – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) abbozz ta' kodiċijiet tekniċi u tas-suq fl-oqsma msemmija fil-paragrafu 3;

(a) kodiċijiet tekniċi u tas-suq **relatati man-netwerk** fl-oqsma msemmija fil-paragrafu 3;

*Ġustifikazzjoni*

*Regoli iktar iffukati fuq in-netwerk.*

### Emenda 2

#### Proposta għal regolament – att li jemenda

##### Artikolu 1 – punt 3

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 2c – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) pjan ta' investiment fuq firxa ta' 10 snin kull **sentejn**;

(c) pjan ta' investiment **għall-iżvilupp tan-netwerk** fuq firxa ta' 10 snin kull **tliet snin**;

*Ġustifikazzjoni*

*Regoli iktar iffukati fuq in-netwerk.*

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament – att li jemenda

##### Artikolu 1 – punt 3

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 2c – paragrafu 1 – subparagrafu 1 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Fl-ewwel sena u kull tliet snin minn hemm 'il quddiem, in-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass għandu jwettaq stħarriġ dwar it-tul tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni fil-qasam tar-regoli nazzjonali jew ta' l-arranġamenti nazzjonali differenti tar-regoli li jdewmu, ixekklu jew iżidu l-ispejjeż għall-iżvilupp tan-netwerk transkonfinali.*

*Ġustifikazzjoni*

*Biż-żieda tal-punt fa, għandha titqies il-problema tat-tfixkil għall-iżvilupp tan-netwerk transkonfinali minħabba regolamenti nazzjonali differenti fil-qasam tal-proċedura ta' l-approvazzjoni. Sabiex jiġu żviluppati s-soluzzjonijiet meħtieġa jew biex jinkisbu permezz ta' enfasi fuq it-titjib tal-prattika tajba, jeħtieġ monitoraġġ tas-sitwazzjoni attwali.*

### Emenda 4

#### Proposta għal regolament – att li jemenda

##### Artikolu 1 – punt 3

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 2 c – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Il-programm ta' ħidma annwali msemmi fil-paragrafu 1(d) għandu jkun fih il-lista u deskrizzjoni tal-kodiċijiet tekniċi u tas-suq, kif ukoll il-pjan dwar il-koordinazzjoni ta' l-operat tan-netwerk u l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp, li għandhom jitfasslu f'dik is-sena u kalendarju indikattiv.

2. Il-programm ta' ħidma annwali msemmi fil-paragrafu 1(d) għandu jkun fih lista u deskrizzjoni tal-kodiċijiet tekniċi u tas-suq **relatati man-netwerk**, u kif ukoll pjan dwar il-koordinazzjoni ta' l-operat tan-netwerk u l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp, li għandhom jitfasslu f'dik is-sena u kalendarju indikattiv.

## *Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika tal-fatt li l-ħidmiet jikkonċernaw aspetti relatati man-network.*

### **Emenda 5**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 3**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 2c - paragrafu 3 - kliem introdutturju

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Il-kodiċijiet tekniċi u tas-suq iddettaljati għandhom ikopru l-oqsma li ġejjin, skond il-prijoritajiet definiti fil-programm ta' ħidma annwali:

3. Il-kodiċijiet tekniċi u tas-suq iddettaljati ***u relatati man-network*** għandhom ikopru l-oqsma li ġejjin, skond il-prijoritajiet definiti fil-programm ta' ħidma annwali:

## *Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika tal-fatt li l-ħidmiet jikkonċernaw aspetti relatati man-network.*

### **Emenda 6**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 3**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 2c - paragrafu 3 - punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) regoli dwar is-sigurtà u l-affidabbiltà;

(a) regoli dwar is-sigurtà u l-affidabilità ***tan-network ta' l-enerġija;***

## *Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika tal-fatt li l-ħidmiet jikkonċernaw aspetti relatati man-network.*

### **Emenda 7**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 3**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 2c – paragrafu 3 – punt g

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(g) regoli dwar il-kummerç;

(g) regoli dwar il-kummerç ***tan-netwerks ta' l-enerġija***;

*Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika tal-fatt li l-ħidmiet jikkonċernaw aspetti relatati man-netwerk.*

## **Emenda 8**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 3**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 2c - paragrafu 3 - punt h

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(h) regoli dwar it-trasparenza;

(h) regoli dwar it-trasparenza ***relatati man-netwerk***;

*Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika tal-fatt li l-ħidmiet jikkonċernaw aspetti relatati man-netwerk.*

## **Emenda 9**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 3**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 2c – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

5. In-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass għandhom jippubblikaw pjan ta' investiment fuq 10 snin għall-Ewropa kollha kull ***sentejn***. Dan il-pjan ta' investiment għandu jinkludi t-tfassil tan-netwerk integrat, l-iżvilupp tax-xenarju, rapport dwar is-suffiċjenza ta' provvista u domanda u valutazzjoni tas-saħħa tas-sistema. Il-pjan ta' investiment għandu, b'mod partikolari, jibni fuq pjanijiet

5. In-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass għandu jippubblika pjan ta' investiment fuq 10 snin għall-iżvilupp tan-netwerk għall-Ewropa kollha kull ***tlit snin***. Dan il-pjan ta' investiment għandu jinkludi t-tfassil tan-netwerk integrat, l-iżvilupp tax-xenarju, rapport dwar is-suffiċjenza ta' provvista u domanda u valutazzjoni tas-saħħa tas-sistema. Il-pjan ta' investiment għandu, b'mod partikolari, jibni fuq pjanijiet

nazzjonali ta' investiment u fuq Linji Gwida għal netwerks ta' l-enerġija Trans-Ewropej skond id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Il-pjan ta' investiment għandu jidentifika n-nuqqasijiet ta' investiment, notevolment fir-rigward ta' kapaċitajiet transkonfinali.

nazzjonali ta' investiment u fuq Linji Gwida għal netwerks ta' l-enerġija Trans-Ewropej skond id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Il-pjan ta' investiment għandu jidentifika n-nuqqasijiet ta' investiment, notevolment fir-rigward ta' kapaċitajiet transkonfinali. **Fil-pjan ta' investiment għandu jkun hemm anness li jagħti sommarju ta' l-ostakli għall-iżvilupp tan-netwerk transkonfinali kkawżati minħabba proċeduri jew Prattiki ta' awtorizzazzjoni differenti.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-aġġornament mitlub tal-pjan ta' investiment kull tliet snin, għandu jservi sabiex jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa mingħajr ma tinħoloq burokrasija bla bżonn.*

*Biż-żieda ta' l-Artikolu 2c Paragrafu 1 Punt f a għandha titqies il-problema tat-tfixkil għall-iżvilupp tan-netwerk transkonfinali minħabba regolamenti nazzjonali differenti fil-qasam tal-proċedura ta' l-approvazzjoni. Sabiex jiġu żviluppanti s-soluzzjonijiet meħtieġa jew biex jinkisbu permezz ta' enfasi fuq it-titjib tal-prattika tajba, jeħtieġ monitoraġġ tas-sitwazzjoni attwali.*

#### **Emenda 10**

##### **Proposta għal regolament – att li jemenda**

##### **Artikolu 1 – punt 3**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 2c – paragrafu 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Fuq talba tal-Kummissjoni *in-Netwerk* Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass għandu javża lill-Kummissjoni dwar ***l-adozzjoni ta' Linji*** Gwida kif stabbilit fl-Artikolu 9.

#### *Emenda*

6. Fuq talba tal-Kummissjoni *n-Netwerk* Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass għandu javża lill-Kummissjoni dwar ***l-emenda tal-Linji*** Gwida kif stabbilit fl-Artikolu 9.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Adattament tar-Regolament għall-emenda proposta għall-Artikolu 9.*

## Emenda 11

### Proposta għal regolament – att li jemenda

#### Artikolu 1 – punt 3

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 2e - paragrafu 3 - kliem introdutturju

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-Kummissjoni tista', **fuq l-inizjattiva tagħha stess jew** fuq ir-rakkomandazzjoni ta' l-Aġenzija, **tadotta** linji gwida fl-oqsma elenkati fl-Artikolu 2c(3) fejn tqis li:

#### *Emenda*

3. Il-Kummissjoni tista' **tadotta**, fuq ir-rakkomandazzjoni ta' l-Aġenzija, linji gwida fl-oqsma elenkati fl-Artikolu 2c(3) meta tqis li:

#### *Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda għandha tiżgura allokkazzjoni mingħajr ambigwità tal-kompetenzi.*

## Emenda 12

### Proposta għal regolament – att li jemenda

#### Artikolu 1 – punt 3

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 2e – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-paragrafu 3 għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Kummissjoni li **tadotta u** temenda linji gwida kif stipulat fl-Artikolu 9.

#### *Emenda*

4. Il-paragrafu 3 għandu mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Kummissjoni li temenda linji gwida kif stipulat fl-Artikolu 9.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Adattament tat-test tar-regolament għall-emendi proposti għall-Artikolu 9.*

## Emenda 13

### Proposta għal regolament – att li jemenda

#### Artikolu 1 – punt 3

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 2e – paragrafu 4 a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**4a. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jekk**

**tkun biħsiebha tadotta linji gwida skond il-paragrafu 3.**

*Ġustifikazzjoni*

*Il-fatt li l-Kummissjoni tiegħu azzjoni skond l-Artikolu 2e, paragrafu 3 tar-Regolament, jissuġġerixxi li n-netwerk ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, li huwa ffinanzjat permezz ta' fondi pubbliċi, ma ssodisfax ir-responsabbiltajiet tiegħu sal-livell mitlub. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiġu infurmati dwar dan minnufih sabiex jintroduċu l-emendi li jkunu meħtieġa.*

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 3**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 2g

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*L-ispejjeż relatati ma' l-attivitajiet tan-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass msemmi fl-Artikoli 2a sa 2h jitħallsu **mill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni fil-kalkolu tat-tariffi.***

*L-ispejjeż relatati ma' l-attivitajiet tan-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass imsemmi fl-Artikoli 2a sa 2h għandhom jitħallsu **mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.***

*Ġustifikazzjoni*

*Permezz ta' l-introduzzjoni ta' l-Artikolu 2 a sa h, għandha tinholq struttura ġdida li ser ikollha x'taqsam ma' l-aspett finanzjarju. Peress li l-aċċessibilità tan-netwerk il-ġdid isseħħ fuq livell ta' l-UE, għaldaqstant in-netwerk għandu jkun iffinanzjat mill-baġit ta' l-UE. Finanzjament permezz ta' tariffi hija sistema mingħajr kontroll fuq l-ispejjeż u li fl-aħħar minn l-aħħar ma tippermettix li ssir evalwazzjoni ta' l-istruttura l-ġdida.*

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 3**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 2h, paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3. Iż-żona ġeografika li tkun koperta**

**imħassar**



***b'kull struttura ta' kooperazzjoni reġjonali tista' tiġi definita mill-Kummissjoni. Dik il-miżura, imfassla biex temenda l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi tissupplimentah, għandha tkun adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmi fl-Artikolu 14(2).***

***Għal finijiet ta' dan, il-Kummissjoni tista' tikkonsulta man-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass u ma' l-Aġenzija."***

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-organizzazzjoni tal-koperazzjoni reġjunali ssir fi ħdan in-netwerk. Il-mod ta' kif issir din il-koperazzjoni u fuq liema livell għandha tiġi ggarantita, għandhom jitniżżlu fl-istatut tan-netwerk. Digriet speċifiku min-naħa tal-Kummissjoni la huwa meħtieġ u lanqas huwa adattat.*

#### **Emenda 16**

##### **Proposta għal regolament – att li jemenda**

##### **Artikolu 1 – punt 7**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) f'każ ta' konġestjoni kuntrattwali, l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għandu joffri l-kapaċità mhux użata fuq is-suq primarju tal-anqas ġurnata bil-quddiem, u bil-possibbiltà ta' interuzzjoni;

#### *Emenda*

(a) f'każ ta' konġestjoni kuntrattwali, l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għandu joffri l-kapaċità mhux użata fuq is-suq primarju tal-anqas ġurnata bil-quddiem, u bil-possibbiltà ta' interuzzjoni, ***dejjem jekk dan ma jevitax l-implimentazzjoni ta' kuntratt ta' provvista fuq perjodu ta' żmien fit-tul;***

#### *Ġustifikazzjoni*

*It-tfassil ta' regoli ta' mmaniġġjar tal-konġestjoni għandu jqis l-impenji ta' dawk li jarmaw il-bastimenti lejn konsumaturi finali u s-sigurtà tal-provvista (eżistenza ta' kuntratti ta' provvista fuq perjodu ta' żmien fit-tul).*

#### **Emenda 17**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 8**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 5a – paragrafu 3 – subparagrafu 1 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Dawn il-miżuri għandhom iqisu l-integrità tas-sistema kkonċernata u kif ukoll is-sigurtà tal-provvista.***

*Ġustifikazzjoni*

*Kif diġà rikonoxxut fil-linjigwida dwar prinċipji ta' mmaniġġjar tal-konġestjoni, it-tfassil ta' regoli ta' mmaniġġjar tal-konġestjoni għandu jqis l-impenji ta' dawk li jarmaw il-bastimenti lejn konsumaturi finali u l-ispeċifitajiet fiżiċi ta' infrastrutturi.*

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 10**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 6a – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

4. L-operaturi kollha tas-sistema LNG u ta' ħażna għandhom jagħmlu pubbliku l-ammont ta' gass li hemm f'kull faċilità ta' ħażna jew ta' LNG, il-flussi ta' dħul u ta' ħruġ, kif ukoll il-kapaċitajiet disponibbli tal-faċilitajiet ta' ħażna u ta' LNG, inklużi għal dawk il-faċilitajiet li huma eżentati mill-aċċess għal partijiet terzi. Dan it-tagħrif għandu jiġi kkomunikat ukoll lill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni, li għandu jagħmel pubbliku fuq bażi aggregata għal kull sistema jew subsistema ddefinita mill-punti rilevanti. It-tagħrif għandu jiġi aġġornat ta' l-anqas darba kuljum.

4. L-operaturi kollha tas-sistema LNG u ta' ħażna għandhom jagħmlu pubbliku l-ammont ta' gass li hemm f'kull faċilità ta' ħażna jew ***grupp ta' faċilitajiet ta' ħażna fl-istess żona ta' bilanċ, jew*** ta' LNG, il-flussi ta' dħul u ta' ħruġ, kif ukoll il-kapaċitajiet disponibbli tal-faċilitajiet ta' ħażna u ta' LNG, inklużi għal dawk il-faċilitajiet li huma eżentati mill-aċċess għal partijiet terzi. Dan it-tagħrif għandu jiġi kkomunikat ukoll lill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni, li għandu jagħmel pubbliku fuq bażi aggregata għal kull sistema jew subsistema ddefinita mill-punti rilevanti. It-tagħrif għandu jiġi aġġornat ta' l-anqas darba kuljum.

*Ġustifikazzjoni*

*Dawk li jarmaw bastimenti jistennu il-pubblikazzjoni ta' dejta li tikkorrispondi ma' l-offerti kummerċjali. Operaturi ta' ħażna jistgħu jbigħu l-kapaċitajiet ta' ħażna tagħhom bis-sit*

*(faċilità fiżika) jew bi grupp ta' siti ta' ħażna. Fil-każ ta' dan ta' l-aħħar il-pubblikazzjoni "bis-sit" mhix rilevanti għal utenti b'mod ġenerali. Dan kien rikonoxxut fil-GGPSSO.*

*Pubblikazzjoni ta' volumi ta' ħażna bis-sit għandha t-tendenza li trawwem imġibiet ta' kummerċ fuq perjodu ta' żmien qasir, billi tipprowdi informazzjoni dwar is-sistema interna ta' perfezzjonament. Dan iwassal għal aktar volatilità fil-prezz.*

## **Emenda 19**

### **Proposta għal regolament – att li jemenda**

#### **Artikolu 1 – punt 10**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 6 b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, l-operaturi tas-sistema tal-ħażna u l-operaturi tas-sistema LNG għandhom iżommu għad-dispożizzjoni ta' l-awtorità regolatorja nazzjonali u tal-Kummissjoni t-tagħrif kollhu msemmi fl-Artikoli 6 u 6a, u fil-parti 3 ta' l-Anness għal perjodu ta' **ħames** snin.

#### *Emenda*

L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, l-operaturi tas-sistema tal-ħażna u l-operaturi tas-sistema LNG għandhom iżommu għad-dispożizzjoni ta' l-awtorità regolatorja nazzjonali u tal-Kummissjoni t-tagħrif kollhu msemmi fl-Artikoli 6 u 6a, u fil-parti 3 ta' l-Anness għal perjodu ta' **tliet** snin.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-perjodu ta' tliet snin jidher suffiċjenti għall-objettiv ta' kontroll aħjar.*

## **Emenda 20**

### **Proposta għal regolament – att li jemenda**

#### **Artikolu 1 – punt 10**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 6 c (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

#### **Artikolu 6c**

#### ***Restrizzjoni dwar il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni***

***Jekk operatur tan-netwerk ta' sistema tat-trażmissjoni, ta' faċilità ta' ħażna jew ta' faċilità ta' l-LNG jqis li minħabba raġunijiet ta' privatezza, ma jkollux id-dritt li jippubblika d-dejta meħtieġa***

*kollha, huwa għandu japplika ma' l-awtoritajiet rilevanti sabiex jawtorizzaw restrizzjoni fuq il-pubblikazzjoni tad-dejta kkonċernata.*

*L-Awtoritajiet rilevanti għandhom jagħtu jew jirrifjutaw awtorizzazzjoni skond kull każ għalih, filwaqt li jqisu l-bżonn li jkunu protetti s-sigrieti kummerċjali leġittimi min-naħa waħda u l-għan li jinħoloq suq tal-gass naturali miftuħ għall-kompetizzjoni min-naħa l-oħra.*

*L-awtorizzazzjoni fi ħdan it-tifsira ta' dan l-Artikolu m'għandhiex tingħata f'każ li tliet utenti jew iktar ikollhom kapaċità kuntrattwali fl-istess punt.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*F'każijiet iżolati, il-pubblikazzjoni tista' tmur kontra r-regolamenti nazzjonali fil-qasam tal-protezzjoni tad-dejta jew tista' twassal biex tikkontradixxi l-għanijiet ta' suq tal-gass narutali miftuħ għall-kompetizzjoni. Għalhekk jidher li huwa raġonevoli li jsiru evalwazzjonijiet ta' każijiet individwali eċċezzjonalment.*

#### **Emenda 21**

##### **Proposta għal regolament – att li jemenda**

##### **Artikolu 1 – punt 13**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 8a – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Dawn ir-regoli **għandhom isiru pubbliċi**, għandhom jiġu mfassla bil-għan li jiġi **armonizzati** l-aċċess għal klijenti bejn il-fruntieri **u** għandhom jiġu **soġġetti għal** reviżjoni mill-awtoritajiet regolatorji."

#### *Emenda*

Dawn ir-regoli għandhom jiġu mfassla bil-għan li jiġi **stimulat u żgurati** l-aċċess għal klijenti bejn il-fruntieri. **Ir-regoli** għandhom jiġu **ppubblikati wara** reviżjoni mill-awtoritajiet regolatorji.

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri jibqgħu responsabbli għas-suq tal-bejgħ bl-ingrossa kif ukoll għall-kundizzjonijiet ġenerali, fost affarijiet oħrajn, tan-netwerk ta' l-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni. L-istess bħal fil-każ tas-suq tas-servizzi, l-aċċess transkonfinali għall-konsumaturi jista' jkun iggarantit mingħajr armonizzazzjoni Ewropea.*

## Emenda 22

### Proposta għal regolament – att li jemenda

#### Artikolu 1 – punt 14

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt g

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(g) dettalji dwar il-kwistjonijiet fis-suq ta' bejgħ bl-innut koperti bl-Artikolu 8a;**

**imħassar**

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri għandhom jibqgħu responsabbli għar-regolament neċessarju tas-swieq bl-innut.*

## Emenda 23

### Proposta għal regolament – att li jemenda

#### Artikolu 1 – punt 14

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt h

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(h) dettalji dwar is-suġġetti elenkati fl-Artikolu 2c(3).**

**imħassar**

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-awtorizzazzjoni għall-adozzjoni tal-linja gwida għall-Artikolu 2c, paragrafu 3, tinsab fl-Artikolu 2e, paragrafu 3. Peress li l-linji gwida msemija fl-Artikolu 9 paragrafu 1, jistgħu jiġu emendati mill-Kummissjoni biss, iżda din ta' l-aħħar ma tistax tiddigrieta dawn l-linji gwida, jeħtieġ li tiħassar r-referenza għal raġunijiet sistematiki fl-Artikolu 9.*

## Emenda 24

### Proposta għal regolament – att li jemenda

#### Artikolu 1 – punt 14

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Linji gwida dwar il-kwistjonijiet elenkati fil-paragrafi 1(a) sa (c) fir-rigward ta' l-

2. Il-linji gwida dwar il-kwistjonijiet elenkati fil-paragrafu 1(a) sa (c) fir-rigward

operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni huma stipulati fl-Anness.

ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni huma stipulati fl-Anness. ***Il-linji gwida dwar il-kwistjonijiet elenkati fil-paragrafu 1(a) sa (c) fir-rigward ta' l-operaturi tal-faċilitajiet tal-ħażna u tal-faċilitajiet ta' l-LNG, u kif ukoll il-linji gwida speċifikati fil-paragrafu 1(d) sa (f) għandhom jiġu adottati iktar 'il quddiem permezz tal-proċedura ordinarja u għandhom ikunu stipulati f'Anness supplementali għal dan ir-Regolament.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Din il-proposta għandha tiżgura li l-linji gwida jkunu adottati mill-Parlament u l-Kunsill skond il-proċedura ordinarja. It-trasferiment ta' kompetenzi lill-Kummissjoni għandu jibqa' ristrett għal xi aġġustamenti li jistgħu jkunu meħtieġa. Il-Kummissjoni tqis li l-linji gwida huma meħtieġa sabiex jinkisbu l-għanijiet tar-regolament, għalhekk dawn għandhom jiġu stipulati wkoll fi ħdan il-qafas tar-regolament. Hija deċiżjoni tal-Kummissjoni jekk għandhiex tressaq emendi meħtieġa matul il-proċedura regolari. Hija deċiżjoni tal-Kummissjoni jekk għandhiex tressaq emendi meħtieġa matul il-proċedura regolari.*

#### **Emenda 25**

#### **Proposta għal regolament – att li jemenda**

#### **Artikolu 1 – punt 14**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni tista' temenda l-linji gwida msemmija fl-ewwel subparagrafu ***u tadotta linji gwida dwar il-kwistjonijiet elenkati fil-paragrafu 1.*** Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament inter alia billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati bi qbil mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmi fl-Artikolu 14(2)."

#### *Emenda*

Il-Kummissjoni tista' temenda l-linji gwida msemmija fl-ewwel subparagrafu. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament inter alia billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati bi qbil mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmi fl-Artikolu 14(2)."

#### *Ġustifikazzjoni*

*Din il-proposta għandha tiżgura li l-linji gwida jkunu adottati mill-Parlament u l-Kunsill skond il-proċedura ordinarja. It-trasferiment ta' kompetenzi lill-Kummissjoni għandu jibqa'*

*ristrett għal xi aġġustamenti li jistgħu jkunu meħtieġa. Il-Kummissjoni tqis li l-linji gwida huma meħtieġa sabiex jinkisbu l-għanijiet tar-regolament, għalhekk dawn għandhom jiġu stipulati wkoll fi ħdan il-qafas tar-regolament. Hija deċiżjoni tal-Kummissjoni jekk għandhiex tressaq emendi meħtieġa matul il-proċedura regolari.*

## **Emenda 26**

### **Proposta għal regolament – att li jemenda**

#### **Artikolu 1 – punt 14**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

L-Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Qabel ma l-Kummissjoni temenda l-linji gwida, kif stipulat fit-tieni subparagrafu, jew qabel ma tipproponi li jiġu adottati l-linji gwida msemmija fl-ewwel subparagrafu, hija għandha tiżgura li l-evalwazzjonijiet ta' l-impatt twettqu u li l-partijiet kollha rilevanti ġew ikkonsultati, inkluż, kif xieraq, intrapriżi ta' forniment, klijenti, utenti tas-sistema, operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni, operaturi tas-sistema ta' l-LNG u operaturi ta' sistema ta' ħażna, l-assoċjazzjonijeit rilevanti (ta' l-industrija), korpi tekniċi u pjattaformi tal-partijiet interessati. Il-Kummissjoni għandha titlob ukoll għall-opinjoni ta' l-Aġenzija.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Jekk is-setgħa ta' eżekuzzjoni tal-Kummissjoni tkun estiża għall-iskop sħiħ tar-Regolament, ikun ta' preferenza wkoll li jkunu introdotti xi mekkaniżmi ta' trasparenza u konsultazzjoni, kif inhu l-każ għal ENTSG, b'mod speċjali meta dan ikun dwar kwistjonijiet tekniċi ħafna, pereżempju relatat ma' l-aċċess għal infrastrutturi. .*

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Kundizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks tat-trażmissjoni tal-gass naturali		
<b>Referenzi</b>	COM(2007)0532 – C6-0319/2007 – 2007/0199(COD)		
<b>Kumitat responsabbli</b>	ITRE		
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 11.10.2007		
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Christian Ehler 23.10.2007		
<b>Eżami fil-kumitat</b>	29.1.2008	26.2.2008	1.4.2008
<b>Data ta' l-adozzjoni</b>	6.5.2008		
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 28	–: 1	0: 7
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Mariela Velichkova Baeva, Zsolt László Becsey, Pervenche Berès, Sharon Bowles, Udo Bullmann, Manuel António dos Santos, Jonathan Evans, Elisa Ferreira, Jean-Paul Gauzès, Robert Goebbels, Donata Gottardi, Karsten Friedrich Hoppenstedt, Sophia in 't Veld, Wolf Klinz, Christoph Konrad, Guntars Krasts, Kurt Joachim Lauk, Andrea Losco, Astrid Lulling, Florencio Luque Aguilar, Gay Mitchell, John Purvis, Alexander Radwan, Bernhard Rapkay, Margarita Starkevičiūtė, Ivo Strejček, Ieke van den Burg, Cornelis Visser		
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Valdis Dombrovskis, Harald Ettl, Ján Hudacký, Alain Lipietz, Diamanto Manolakou, Gianni Pittella, Bilyana Ilieva Raeva, Andreas Schwab		



9.4.2008

## **OPINJONI TAL- KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL- KONSUMATUR**

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1775/2005 dwar il-kundizzjonijiet ta' aċċess għan-netwerks ta' trażmissjoni ta' gass naturali (COM(2007)0532 – C6-0319/2007 – 2007/0199(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Emmanouil Angelakas

### **ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA**

Dan ir-Regolament propost qed jemenda r-Regolament (KE) Nru 1775/2005 dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks ta' trażmissjoni tal-gass naturali (COM(2007)0532). Il-proposta hija parti mill-"Pakkett dwar l-enerġija" ("Is-Swieq ta' l-Elettriku u tal-Gass: it-tielet pakkett leġiżlattiv"), li l-Kummissjoni ppreżentat f'Settembru 2007. Ir-Rapporteur għal opinjoni jappoġġja l-pakkett dwar l-enerġija b'mod ġenerali. Il-pakkett huwa importanti ħafna biex ikunu ffinalizzati l-proċessi Ewropej ta' liberalizzazzjoni fl-oqsma ta' l-enerġija u tal-gass biex b'hekk ikun iggarantit suq intern ġenwin, trasparenti u miftuħ.

Minkejja li r-Rapporteur għal opinjoni jappoġġja l-pakkett dwar l-enerġija, huwa tal-fehma li huwa diffiċli li jintlaħqu l-għanijiet ta' separazzjoni tas-sjieda madwar l-Ewropa kollha, billi hemm differenzi ewlenin bejn il-pajjiżi Ewropej. F'ċerti pajjiżi l-effetti tat-tieni pakkett dwar l-enerġija għadhom m'humix magħrufa peress li għadu m'huwix implimentat jew infurzat sew. Għalhekk huwa diffiċli li jintużaw kriterji sinkronizzati ta' separazzjoni tas-sjieda fl-Istati Membri kollha. Barra minn hekk xi Stati Membri għandhom kuntratti għal tul ta' żmien (uħud għal 50 sena), u dan jikkomplika l-għanijiet ta' separazzjoni wkoll. Fl-aħħarnett ir-Rapporteur għal opinjoni m'huwix konvint li s-separazzjoni se twassal għat-tnaqqis tal-prezzijiet u għaldaqstant ma tagħmel ebda differenza għall-benefiċċju tal-konsumatur.

Skond dik il-fehma, ir-Rapporteur għal opinjoni jissuġġerixxi emendi skond dan li ġej:

- Kooperazzjoni reġjonali effiċjenti hija importanti ħafna biex ikun iggarantit suq intern ġenwin. Għalhekk ir-Rapporteur għal opinjoni jappoġġja t-twaqqif ta' netwerk

Ewropew ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tal-gass, fejn il-bażi għall-kooperazzjoni hija li jkunu ggarantiti l-effiċjenza, ir-rappreżentattività u t-trasparenza tas-suq Ewropew tal-gass. Ir-Rapporteur għal opinjoni jqis li huwa importanti ħafna li l-Istati Membri jippromwovu u jimmoniterjaw l-operaturi tan-netwerk f'livell reġjonali. Ir-rapporteur għal opinjoni jaħseb ukoll li l-kooperazzjoni fi ħdan in-netwerk ta' trażmissjoni ma timplikax is-separazzjoni ta' attivitajiet tan-netwerk mill-produzzjoni u l-forniment. In-netwerk ta' trażmissjoni jista' jkun effettiv faċilment mingħajr separazzjoni tas-sjieda fl-Istati Membri parteċipanti kollha.

- Barra minn hekk hemm differenzi strutturali bejn is-swieq ta' l-elettriku u tal-gass, u jeħtieġ li jkunu applikati miżuri differenti. L-applikazzjoni ta' aktar miżuri ta' separazzjoni għall-qasam tal-gass m'hijiex faċli, u jinħtieġu soluzzjonijiet speċifiċi biex ikun jista' jitwaqqaf is-suq intern fil-qasam tal-gass.
- L-aċċess għal enerġija bi prezz tajjeb għall-ikbar numru ta' persuni possibbli huwa kwistjoni ewlenija għar-Rapporteur għal opinjoni. Ir-Rapporteur għal opinjoni jappoġġja wkoll il-fatt li n-Netwerk Ewropew ta' l-Operaturi tas-Sistemi ta' Trażmissjoni tal-Gass għandu jikkonsulta lill-partijiet interessati b'mod miftuħ u trasparenti meta jħejji xogħolhom. Ir-Rapporteur għal opinjoni jissuġġerixxi li għandhom ikunu kkonsultati wkoll il-konsumaturi u l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, għaliex bħala l-utenti aħħarin fid-djar, huma partijiet interessati importanti.
- Ir-Rapporteur għal opinjoni huwa konvint ukoll li s-sigurtà tal-provvista hija importanti biex ikunu evitati varjazzjonijiet tal-prezzijiet, sabiex b'hekk tinqered l-insigurtà tal-prezzijiet għall-konsumaturi Ewropej. Is-sigurtà tal-provvista tista' tinkiseb - ma' miżuri oħrajn - billi jkun evitat il-konċentrament tas-suq u billi jkun garantit suq ġenwin u miftuħ ta' kummerċ fl-enerġija.
- Għalhekk il-kwistjoni li jkunu garantiti faċilitajiet miftuħa ta' ħżin ta' LNG b'aċċess miftuħ għal parteċipanti ġodda hija kwistjoni ewlenija wkoll għar-Rapporteur għal opinjoni. Informazzjoni trasparenti dwar il-faċilitajiet u l-kapaċitajiet ta' ħżin hija importanti sabiex ikun garantit suq intern tal-kummerċ fl-enerġija. Dan jiggarrantixxi prezzijiet ġusti u suq miftuħ ġenwin għall-benefiċċju tal-konsumaturi. Il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni għandha tkun immoniterjata mill-awtoritajiet kompetenti.
- Fl-aħħarnett ir-Rapporteur għal opinjoni jemmen li jinħtieġ "pjan direzzjonali" Ewropew pubbliku u aġġornat għall-pajpijiet tal-gass kollha Ewropej, u l-Kummissjoni għandha tippubblikah u taġġornah. Irid ikun iktar faċli li wieħed ikun jaf fejnhom il-pajpijiet kollha eżistenti u futuri fl-Ewropa sabiex tkun garantita t-trasparenza u informazzjoni aħjar dwar "il-ħofor ta' enerġija" (in-nuqqas ta' pajpijiet jew ta' konnessjonijiet) u biex ikunu suġġeriti konnessjonijiet transkonfinali ġodda. Dan isaħħaħ l-ippjanar tan-netwerks fl-Ewropa.

## EMENDI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Is-suq intern tal-gass, li ilu jiġi implimentat progressivament mill-1999, għandu l-mira li jipprovdi għażla reali lill-konsumaturi kollha Komunitarji, kemm jekk ċittadini kif ukoll negozji, b'opportunitajiet ġodda ta' negozju u ta' aktar kummerċ transkonfinali, sabiex ikunu żgurati gwadanji fl-effiċjenza, prezzijiet kompetittivi, standards oġhla ta' servizz, kif ukoll sabiex jikkontribwixxi għas-sigurtà fil-forniment u għas-sostenibbiltà.

##### *Emenda*

(1) Is-suq intern tal-gass, li ilu jiġi implimentat progressivament mill-1999, għandu l-għan li jipprovdi għażla reali lill-konsumaturi kollha Komunitarji, kemm jekk ċittadini kif ukoll jekk negozji, b'opportunitajiet ġodda ta' negozju u ta' kummerċ transkonfinali akbar, sabiex ikunu żgurati gwadanji fl-effiċjenza, prezzijiet kompetittivi, standards oġhla ta' servizz **u aċċess għall-akbar numru ta' nies possibbli**, kif ukoll sabiex jikkontribwixxi għas-sigurtà fil-forniment u għas-sostenibbiltà.

##### *Ġustifikazzjoni*

*L-aċċess għall-gass bi prezzijiet tajbin għall-akbar numru ta' nies possibbli huwa importanti ħafna.*

### Emenda 2

#### Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 4

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li ġgħib l-isem "Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa" saħqet fuq l-importanza li s-suq intern tal-gass naturali jiġi kkompletat, u li l-kumpaniji kollha tal-gass fil-Komunità joperaw skond l-istess kunduzzjonijiet. Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar

##### *Emenda*

(4) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li ġgħib l-isem "Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa" saħqet fuq l-importanza li s-suq intern tal-gass naturali jiġi kkompletat, u li l-kumpaniji kollha tal-gass fil-Komunità joperaw skond l-istess kunduzzjonijiet. Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar

prospetti għas-suq intern tal-gass u l-elettriku u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Inkjesti skond l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 dwar is-setturi Ewropej tal-gass u l-elettriku (Rapport Finali)" uriet li r-regoli u l-miżuri preżenti majipprovdwx il-qafas meħtieġ biex jintlaħaq l-għan ta' suq intern li jiffunzjona tajjeb.

prospetti għas-suq intern tal-gass u l-elettriku u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Inkjesti skond l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 dwar is-setturi Ewropej tal-gass u l-elettriku (Rapport Finali)" uriet li r-regoli u l-miżuri preżenti ma jipprovdwx il-qafas meħtieġ biex jintlaħaq l-għan ta' suq intern **effettiv, regolat u** li jiffunzjona tajjeb.

### *Ġustifikazzjoni*

*Biex is-suq intern tal-gass jaħdem tajjeb, il-kompetizzjoni ħielsa m'hijiex l-uniku fattur; ir-rekwiżit ewlieni huwa regolatur ta' dan is-suq.*

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 6**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(6) B'mod partikolari, jinħtieġu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni msaħħa fost l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà progressiva tal-kodiċijiet tekniċi u kummerċjali għall-forniment u l-ġestjoni ta' l-aċċess effettiv transkonfinali għan-netwerks tat-trażmissjoni, u biex jiġi żgurat pjanar ikkoordinat, li jħares 'il quddiem u evoluzzjoni teknika soda tas-sistema ta' trażmissjoni Komunitarja, b'kunsiderazzjoni għall-ambjent, u l-promozzjoni ta' l-effiċjenza fl-enerġija, ir-riċerka u l-innovazzjoni, partikolarment l-introduzzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u ta' teknoloġija b'livelli baxxi ta' karbonju. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom joperaw in-netwerks tagħhom skond dawn il-kodiċijiet komuni tekniċi u tas-suq.

##### *Emenda*

(6) B'mod partikolari, jinħtieġu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni msaħħa fost l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà progressiva tal-kodiċijiet tekniċi u kummerċjali għall-forniment u l-ġestjoni ta' l-aċċess effettiv **u trasparenti** transkonfinali għan-netwerks tat-trażmissjoni, u biex jiġi żgurati pjanar ikkoordinat, li jħares 'il quddiem u evoluzzjoni teknika soda tas-sistema ta' trażmissjoni Komunitarja, b'kunsiderazzjoni għall-ambjent, u l-promozzjoni ta' l-effiċjenza fl-enerġija, ir-riċerka u l-innovazzjoni, partikolarment l-introduzzjoni ta' sorsi ta' enerġija li jiġġeddu u ta' teknoloġija b'livelli baxxi ta' karbonju. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom joperaw in-netwerks tagħhom skond dawn il-kodiċijiet komuni tekniċi u tas-suq.

### *Ġustifikazzjoni*

*Aċċess trasparenti għan-netwerks tat-trażmissjoni transkonfinali huwa kruċjali għall-iżvilupp*

*ta' suq effiċjenti u miftuħ. In-nuqqas ta' aċċess trasparenti jista' joħloq ostakli u jkollu impatt fuq il-livell ta' kompetizzjoni.*

#### **Emenda 4**

#### **Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 7**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Biex tkun żgurata l-aħjar ġestjoni tan-netwerks għat-trażmissjoni tal-gass naturali fil-Komunità, għandu jitwaqqaf netwerk Ewropew ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni. Il-kompiti tiegħu għandhom jitwettqu skond ir-regoli Ewropej tal-kompetizzjoni, li jibqgħu applikabbli għad-deċiżjonijiet tan-netwerk Ewropew ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni. Il-kompiti tiegħu għandhom jiġu definiti tajjeb u l-metodu ta' ħidma tagħhom għandu jiżgura l-effiċjenza, ir-rappreżentanza u t-trasparenza. Peress li azzjoni fuq livell reġjonali tista' twassal għal progress, l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jistabbilixxu strutturi reġjonali fi ħdan l-istruttura kumplessiva ta' kooperazzjoni, filwaqt li jiżguraw li r-riżultati fil-livell reġjonali jkunu kompatibbli ma' kodiċijiet u pjanijiet ta' investiment fil-livell Ewropew. ***Il-kooperazzjoni fi ħdan dawn l-istrutturi reġjonali tippreżumi separazzjoni bejn l-attivitajiet tan-netwerk minn dawk tal-produzzjoni u l-forniment, fin-nuqqas ta' liema l-kooperazzjoni reġjonali bejn l-operaturi tas-sistema ta' transmissjoni tagħti lok għal aġir antikompetittiv.***

##### *Emenda*

(7) Biex tkun żgurata l-aħjar ġestjoni tan-netwerks għat-trażmissjoni tal-gass naturali fil-Komunità, għandu jitwaqqaf netwerk Ewropew ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni. Il-kompiti tiegħu għandhom jitwettqu skond ir-regoli Ewropej tal-kompetizzjoni, li jibqgħu applikabbli għad-deċiżjonijiet tan-netwerk Ewropew ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni. Il-kompiti tiegħu għandhom jiġu definiti tajjeb u l-metodu ta' ħidma tagħhom għandu jiżgura l-effiċjenza, ir-rappreżentanza u t-trasparenza. Peress li azzjoni fuq livell reġjonali tista' twassal għal progress, l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jistabbilixxu strutturi reġjonali fi ħdan l-istruttura kumplessiva ta' kooperazzjoni, filwaqt li jiżguraw li r-riżultati fil-livell reġjonali jkunu kompatibbli ma' kodiċijiet u pjanijiet ta' investiment fil-livell Ewropew. ***L-Istati Membri għandhom jipromwovu l-kooperazzjoni f'livell reġjonali, u jimmoniterjaw l-effikaċja tan-netwerk f'dak il-livell.***

##### *Ġustifikazzjoni*

*Il-promozzjoni ta' l-Istati Membri tal-kooperazzjoni f'livell reġjonali u l-obbligu li tkun immoniterjata l-effikaċja tan-netwerk huma importanti ħafna biex ikunu garantiti kooperazzjoni ġenwina u suq transkonfinali intern ġenwin. Barra minn hekk is-separazzjoni effettiva tas-sjieda m'hijiex kundizzjoni meħtieġa biex tkun iggarantita l-kooperazzjoni reġjonali. Il-kooperazzjoni tista' teżisti u tista' tkun effettiva mingħajr is-separazzjoni tas-sjieda.*

## Emenda 5

### Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 8 a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(8a) Fir-rigward tal-proċess ta' konsultazzjoni, l-utenti aħħarin professjonali, il-konsumaturi u l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi għandhom jipparteċipaw b'mod iktar deċiżiv u attiv fil-qafas ta' l-implimentazzjoni tal-kompiti tan-Netzwerk Ewropew ta' l-Operaturi tas-Sistemi ta' Trażmissjoni tal-Gass, b'mod partikulari meta jitfasslu l-kodiċijiet tekniċi u tas-suq u l-programm annwali ta' ħidma tiegħu.**

*Ġustifikazzjoni*

*Il-konsumaturi u l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi għandhom jiġu kkonsultati wkoll fil-proċess ta' konsultazzjoni, għaliex huma partijiet interessati importanti, peress li huma l-utenti aħħarin fid-djar.*

## Emenda 6

### Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 9 a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(9a) (9a) Sabiex tkun żgurata trasparenza akbar tas-sitwazzjoni kollha kemm hi tal-pajpijiet tal-gass fl-Ewropa, in-Netzwerk Ewropew ta' l-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni, b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, għandu jfassal, jippubblika u jaġġorna pjan direzzjonali għan-netwerk tal-gass fl-Ewropa. Il-pajpijiet kollha u l-konnessjonijiet reġjonali li jistgħu jsiru għandhom ikunu inklużi f'dan il-pjan direzzjonali. L-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi ta' l-Enerġija għandha tkun ikkonsultata meta jkun żviluppat il-pjan direzzjonali, b'mod partikulari meta tkun ivverifikata l-koerenza tiegħu mal-pjanijiet ta'**

**investiment għal 10 snin. Il-pjan direzzjonali għandu jitressaq lill-Kummissjoni biex jiġi rivedut.**

*Ġustifikazzjoni*

*In-Netwerk Ewropew ta' l-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni għandu jfassal, jippubblika u jaġġorna "pjan direzzjonali" għan-netwerk tal-gass fl-Ewropa, inklużi konnessjonijiet reġjonali li jistgħu jsiru, sabiex ikunu żgurati t-trasparenza, informazzjoni aħjar dwar "ħofor ta' enerġija" (nuqqas ta' pajpijiet jew ta' konnessjonijiet) u sabiex ikun jista' jissuġġerixxi konnessjonijiet transkonfinali ġodda li jistgħu jsiru.*

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 11**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(11) Is-sorveljanza tas-suq li ilha titwettaq mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u mill-Kummissjoni dawn l-aħħar snin, uriet li r-rekwiżiti ta' trasparenza u r-regoli dwar l-aċċess għall-infrastrutturi m'humiex biżżejjed.

*Emenda*

(11) Is-sorveljanza tas-suq li ilha titwettaq mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u mill-Kummissjoni dawn l-aħħar snin, uriet li r-rekwiżiti ta' trasparenza u r-regoli dwar l-aċċess għall-infrastrutturi m'humiex biżżejjed **sabiex ikun iggarantit suq intern ġenwin, miftuħ u effettiv.**

*Ġustifikazzjoni*

*Biex it-test ikun iktar ċar.*

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 13**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(13) Biex tissaħħaħ il-fiduċja fis-suq, il-parteciċipanti tiegħu għandhom ikunu żguri li l-aġir abbużiv jista' jiġi ssanzjonat. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jingħataw il-kapaċità li jinvestigaw b'mod effettiv allegazzjonijiet ta' abbuż tas-suq. Għaldaqstant jinħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom aċċess għad-dejta li tipprovdi informazzjoni dwar deċiżjonijiet

*Emenda*

(13) Biex tissaħħaħ il-fiduċja fis-suq, il-parteciċipanti tiegħu għandhom ikunu żguri li l-aġir abbużiv jista' jiġi ssanzjonat **sew**. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jingħataw il-kapaċità li jinvestigaw b'mod effettiv allegazzjonijiet ta' abbuż tas-suq. Għaldaqstant jinħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom aċċess għad-dejta li tipprovdi informazzjoni dwar deċiżjonijiet

operazzjonali ta' l-impriżi ta' forniment. Fis-suq tal-gass dawn id-deċiżjonijiet kollha huma kkomunikati lill-operaturi tas-sistema f'forma ta' riżervi tal-kapaċità, nominazzjonijiet u flussi realizzati. L-operaturi tas-sistema għandhom iżommu din l-informazzjoni disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti għal perjodu stabbilit ta' żmien.

operazzjonali ta' l-impriżi ta' forniment. Fis-suq tal-gass dawn id-deċiżjonijiet kollha huma kkomunikati lill-operaturi tas-sistema f'forma ta' riżervi tal-kapaċità, nominazzjonijiet u flussi realizzati. L-operaturi tas-sistema għandhom iżommu din l-informazzjoni disponibbli **u aċċessibbli faċilment** għall-awtoritajiet kompetenti għal perjodu stabbilit ta' żmien. **L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmoniterjaw regolarment il-konformità mar-regoli mill-operaturi tas-sistema.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom aċċess faċli għal informazzjoni importanti minn impriżi tal-forniment u għandhom jikkontrollaw li l-impriżi tal-forniment ikunu konformi mar-regoli, sabiex ikun żgurat suq trasparenti, effettiv u mhux diskriminatorju.*

#### **Emenda 9**

##### **Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 14**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(14) Il-kompetizzjoni fis-settur domestiku tirrikjedi li l-fornituri ma jiġux imblukkati meta jiġu biex jidħlu fis-swieq ġodda tal-bejgħ bl-imnut. Għaldaqstant jeħtieġ li r-regoli u r-responsabbiltajiet li jiddefinixxu l-katina ta' forniment isiru magħrufin mill-partekipanti kollha tas-suq, u jeħtieġ li jiġu armonizzati sabiex tittejjeb l-integrazzjoni tas-suq Ewropew.

#### *Emenda*

(14) Il-kompetizzjoni fis-settur domestiku tirrikjedi li l-fornituri ma jiġux imblukkati meta jiġu biex jidħlu fis-swieq ġodda tal-bejgħ bl-imnut. Għaldaqstant jeħtieġ li r-regoli u r-responsabbiltajiet li jiddefinixxu l-katina ta' forniment isiru magħrufin mill-partekipanti kollha tas-suq, u jeħtieġ li jiġu armonizzati sabiex tittejjeb l-integrazzjoni tas-suq Ewropew. **L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmoniterjaw regolarment il-konformità mar-regoli mill-partekipanti.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Din iż-żieda hija meħtieġa sabiex tkun iċċarata responsabilità ta' l-awtorità kompetenti, u biex ikun iggarantit l-infurzar tar-regoli.*

#### **Emenda 10**



**Proposta għal regolament – att li jemenda**  
**Premessa 15**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(15) L-aċċess għall-faċilitajiet tal-ħażniet tal-gass u l-faċilitajiet LNG huma insuffiċjenti, u għalhekk hemm bżonn titjib fir-regoli. Il-monitoraġġ mill-Grupp tar-Regolaturi Ewropej għall-elettriku u l-gass (ERGREG) ikkonkluda li l-linji gwida volontarji għal prassi tajba ta' aċċess lil partijiet terzi għall-operaturi tas-sistema tal-ħażna, maqbula bejn il-partijiet kollha interessati fil-Forum ta' Madrid, mhux qed jiġu applikati kif suppost u għaldaqstant għandhom isiru vinkolanti.

*Emenda*

(15) L-aċċess għall-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass u l-faċilitajiet LNG huma insuffiċjenti, u għalhekk hemm bżonn titjib **radikali** fir-regoli. Il-monitoraġġ mill-Grupp tar-Regolaturi Ewropej għall-elettriku u l-gass (ERGREG) ikkonkluda li l-linji gwida volontarji għal prassi tajba ta' aċċess lil partijiet terzi għall-operaturi tas-sistema tal-ħażna, maqbula bejn il-partijiet kollha interessati fil-Forum ta' Madrid, mhux qed jiġu applikati kif suppost u għaldaqstant għandhom isiru vinkolanti.

*Ġustifikazzjoni*

*Jeħtieġ li r-regoli jittejjbu b'mod radikali fir-rigward ta' l-aċċess għall-faċilitajiet ta' ħżin ta' gass u għall-faċilitajiet LNG, sabiex ikun iggarantit suq intern ġenwin.*

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 3**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 2f – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu, in-Netzwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass għandu jikkonsulta b'mod miftuħ u trasparenti u fi stadju bikri partikolarment fit-tnejn tal-kodiċijiet tekniċi u tas-suq fil-programm ta' ħidma annwali tiegħu msemmi fl-Artikolu 2c(1) u (3), flimkien mal-partiċipanti kollha fis-suq. Il-konsultazzjoni għandha tinkludi l-impriżi ta' forniment, il-klijenti, l-utenti tas-sistema, l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni, l-operaturi tas-sistema LNG u l-operaturi tas-sistema tal-ħażna, inkluż assoċjazzjonijiet (industrijali) rilevanti, entitajiet tekniċi u pjattaformi tal-partijiet

*Emenda*

1. Fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu, in-Netzwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass għandu jikkonsulta b'mod miftuħ u trasparenti u fi stadju bikri partikolarment fit-tnejn tal-kodiċijiet tekniċi u tas-suq fil-programm ta' ħidma annwali tiegħu msemmi fl-Artikolu 2c(1) u (3), flimkien mal-partiċipanti kollha fis-suq. Il-konsultazzjoni għandha tinkludi l-impriżi ta' forniment, il-klijenti, **il-konsumaturi, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi**, l-utenti tas-sistema, l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni, l-operaturi tas-sistema LNG u l-operaturi tas-sistema tal-ħażna, inklużi assoċjazzjonijiet

interessati.

(industrijali) rilevanti, entitajiet tekniċi u pjattaformi tal-partijiet interessati.

### *Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jkun iggarantit proċess ta' konsultazzjoni effettiv u varjat. Għalhekk il-konsumaturi u l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, għandhom ikunu kkonsultati wkoll, għaliex bħala l-utenti aħħarin tal-gass fid-djar, huma partijiet interessati importanti.*

## **Emenda 12**

### **Proposta għal regolament – att li jemenda**

#### **Artikolu 1 – punt 3**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 2g

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-ispejjeż relatati ma' l-attivitajiet tan-  
Network Ewropew għall-Operaturi tas-  
Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass msemmi  
fl-Artikoli 2a sa 2h jitħallsu mill-operaturi  
tas-sistema ta' trażmissjoni u ***għandhom  
jittieħdu f'kunsiderazzjoni fil-kalkolu tat-  
tariffi.***

#### *Emenda*

L-ispejjeż relatati ma' l-attivitajiet tan-  
Network Ewropew għall-Operaturi tas-  
Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass imsemmi  
fl-Artikoli 2a sa 2h għandhom jitħallsu  
mill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u  
***m'għandhomx jitqiesu fil-kalkolu tat-  
tariffi għall-konsumaturi aħħarin.***

### *Ġustifikazzjoni*

*Il-ħolqien ta' Network Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass m'għandux iwassal għal żieda tal-prezzijiet għall-konsumaturi aħħarin.*

## **Emenda 13**

### **Proposta għal regolament – att li jemenda**

#### **Artikolu 1 – punt 3**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 2h – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni  
għandhom jippromwovu arranġamenti ta'  
operat biex jiżguraw ġestjoni ottima tan-  
network u jippromwovu l-iżvilupp ta' boroż  
fl-enerġija, l-allokazzjoni ta' kapaċità  
transkonfinali permezz ta' bejgħ bl-irkant

#### *Emenda*

2. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni  
għandhom jippromwovu arranġamenti ta'  
operat biex jiżguraw ġestjoni ottima tan-  
network u jippromwovu l-iżvilupp ta' boroż  
fl-enerġija, l-allokazzjoni ta' kapaċità  
transkonfinali permezz ta' bejgħ bl-irkant

impliċitu u l-integrazzjoni ta' mekkaniżmi ta' bilanċ.

impliċitu u l-integrazzjoni ta' mekkaniżmi ta' bilanċ. ***In-netwerk għandu jkun promoss u mmoniterjat mill-Istati Membri.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-promozzjoni mill-Istati Membri tan-netwerk u l-obbligu li tkun immoniterjata l-effikaċja tan-netwerk huma importanti ħafna biex ikunu ggarantiti kooperazzjoni ġenwina u suq transkonfinali intern ġenwin.*

#### **Emenda 14**

##### **Proposta għal regolament – att li jemenda**

##### **Artikolu 1 – punt 4**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

It-tariffi għall-utenti tan-netwerk għandhom jiġu stabbiliti b'mod separat, u indipendentement minn kull punt ta' dħul jew ta' ħruġ tas-sistema ta' trażmissjoni. It-tariffi tan-netwerk ma għandhomx jiġu kkalkolati abbażi tal-linji kuntrattwali."

#### *Emenda*

It-tariffi għall-utenti tan-netwerk għandhom jiġu stabbiliti b'mod separat, u indipendentement minn kull punt ta' dħul jew ta' ħruġ tas-sistema ta' trażmissjoni. It-tariffi tan-netwerk ma għandhomx jiġu kkalkolati abbażi tal-linji kuntrattwali. ***L-aċċess għan-netwerk għandu jkun miftuħ għal parteċipanti ġodda fuq bażi li ma tkunx diskriminatorja.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jkunu ggarantiti t-trasparenza u l-kompetizzjoni effettiva b'opportunitajiet indaqs u bla diskriminazzjoni.*

#### **Emenda 15**

##### **Proposta għal regolament – att li jemenda**

##### **Artikolu 1 – punt 6**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 4a – paragrafu 1 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) joffru servizzi li huma kompatibbli ma' l-użu tas-sistemi interkonnessi ta' trasportazzjoni tal-gass, u għandhom jiffaċilitaw l-aċċess billi jikkooperaw ma' l-

#### *Emenda*

(b) joffru servizzi li huma kompatibbli ma' l-użu tas-sistemi interkonnessi ta' trasportazzjoni tal-gass, u għandhom jiffaċilitaw l-aċċess ***bla problemi*** permezz

operatur tas-sistema ta' trażmissjoni;

ta' kooperazzjoni ma' l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni;

### *Ġustifikazzjoni*

*L-aċċess bla problemi huwa importanti.*

## **Emenda 16**

### **Proposta għal regolament – att li jemenda**

#### **Artikolu 1 – punt 6**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 4a – paragrafu 1 – punt c

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) jagħmlu pubbliku kull tagħrif rilevanti, b'mod partikulari dejta fuq l-użu u d-disponibbiltà tas-servizzi, fi żmien kompatibbli mal-bżonnijiet kummerċjali raġonevoli ta' l-utenti tal-faċilità ta' ħażna u ta' l-LNG.

#### *Emenda*

(c) jagħmlu pubbliku kull tagħrif rilevanti, b'mod partikulari dejta fuq l-użu u d-disponibbiltà tas-servizzi, fi żmien kompatibbli mal-bżonnijiet kummerċjali raġonevoli ta' l-utenti tal-faċilità ta' ħażna u ta' l-LNG. ***Il-pubblikazzjoni ta' l-informazzjoni meħtieġa għandha tkun immoniterjata mill-awtorità kompetenti.***

### *Ġustifikazzjoni*

*Jeħtieġ li l-awtorità kompetenti timmoniterja l-pubblikazzjoni ta' l-informazzjoni meħtieġa, sabiex ikunu żgurati l-effikaċja u l-infurzar tar-regoli.*

## **Emenda 17**

### **Proposta għal regolament – att li jemenda**

#### **Artikolu 1 – punt 8**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 5a – paragrafu 3 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) l-operatur tas-sistema għandu joffri kapacià mhux użata ta' faċilitajiet LNG u ta' ħażna fuq is-suq primarju. għall-faċilitajiet ta' ħażna, din l-offerta għandha ssir talanqas ġurnata bil-quddiem, u bil-possibbiltà ta' interuzzjoni;

#### *Emenda*

(a) l-operatur tas-sistema għandu joffri kapacià mhux użata ta' faċilitajiet LNG u ta' ħażna fuq is-suq primarju ***bla dewmien***; għall-faċilitajiet ta' ħażna, din l-offerta għandha ssir talanqas ġurnata bil-quddiem, u bil-possibbiltà ta' interuzzjoni;

## *Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tkun evitata l-ħażna eċċessiva ta' gass.*

### **Emenda 18**

#### **Proposta għal regolament – att li jemenda**

##### **Artikolu 1 – punt 9 – punt c**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 6 – paragrafu 7 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

7. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jagħmlu pubbliku tagħrif fuq il-provvista u d-domanda ex-ante u ex-post, imsejjes fuq nominazzjonijiet, tbassiriet u l-flussi li jkunu saru ta' dħul u ħruġ mis-sistema. Il-livell ta' dettall tat-tagħrif li jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku għandu jirrifletti t-tagħrif disponibbli għall-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni.

#### *Emenda*

7. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jagħmlu pubbliku tagħrif fuq il-provvista u d-domanda ex-ante u ex-post, imsejjes fuq nominazzjonijiet, tbassiriet u l-flussi li jkunu saru ta' dħul u ħruġ mis-sistema. Il-livell ta' dettall tat-tagħrif li jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku għandu jirrifletti t-tagħrif disponibbli għall-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni. ***L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li tkun ippubblikata l-informazzjoni meħtieġa.***

## *Ġustifikazzjoni*

*Jeħtieġ li l-awtorità kompetenti tiżgura li tkun ippubblikata l-informazzjoni meħtieġa, sabiex ikunu ggarantiti t-trasparenza tas-suq u suq tal-gass miftuħ.*

### **Emenda 19**

#### **Proposta għal regolament – att li jemenda**

##### **Artikolu 1 – punt 10**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 6a – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Għas-servizzi pprovduti, kull operatur tas-sistema LNG u ta' ħażna għandu jagħmel pubbliku tagħrif dwar il-kapaċitajiet miftiehma b'kuntratt u disponibbli tal-faċilitajiet ta' ħażna u LNG, b'mod numeriku, regolari u kontinwu, kif ukoll b'mod standard u li jintuża faċilment.

#### *Emenda*

2. Għas-servizzi pprovduti, kull operatur tas-sistema LNG u ta' ħażna għandu jagħmel pubbliku tagħrif dwar il-kapaċitajiet miftiehma b'kuntratt u disponibbli tal-faċilitajiet ta' ħażna u LNG, b'mod numeriku, regolari u kontinwu, kif ukoll b'mod standard u li jintuża faċilment. ***L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li***

***tkun ippubblikata l-informazzjoni  
meħtieġa.***

*Ġustifikazzjoni*

*Jeħtieġ li l-awtorità kompetenti tiżgura li tkun ippubblikata l-informazzjoni meħtieġa, sabiex ikunu ggarantiti t-trasparenza tas-suq u suq tal-gass miftuħ.*

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 13**

Regolament (KE) Nru 1775/2005

Artikolu 8a – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' swieq bl-imnut transkonfinali li jiffunzjonaw tajjeb u ***li jkunu*** trasparenti fuq skala reġjonali kif ukoll Komunitarja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu definiti r-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, ta' l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni, ta' l-impriżi ta' forniment u l-klijenti kif ukoll, jekk meħtieġ, tal-partijiet oħrajn fis-suq, fir-rigward ta' arranġamenti kuntrattwali, impenn lejn il-klijenti, regoli dwar l-iskambju u l-issettiljar tad-dejta, il-proprjetà tad-dejta u r-responsabbiltà dwar il-metraġġ.

*Emenda*

Sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' swieq bl-imnut transkonfinali li jiffunzjonaw tajjeb, ***effettivi*** u trasparenti fuq skala reġjonali kif ukoll Komunitarja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu definiti r-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, ta' l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni, ta' l-impriżi ta' forniment u l-klijenti kif ukoll, jekk meħtieġ, ta' parteċipanti oħra fis-suq, fir-rigward ta' arranġamenti kuntrattwali, impenn lejn il-klijenti, regoli dwar l-iskambju u l-issettiljar tad-dejta, il-proprjetà tad-dejta u r-responsabbiltà dwar il-metraġġ.

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex ikun żgurat li s-swieq bl-imnut transkonfinali jaħdmu b'mod effettiv ukoll.*

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Kundizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks tat-trażmissjoni tal-gass naturali		
<b>Referenzi</b>	COM(2007)0532 – C6-0319/2007 – 2007/0199(COD)		
<b>Kumitat responsabbli</b>	ITRE		
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 11.10.2007		
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Emmanouil Angelakas 21.11.2007		
<b>Eżami fil-kumitat</b>	22.1.2008	28.2.2008	2.4.2008
<b>Data ta' l-adozzjoni</b>	8.4.2008		
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 40	–: 0	0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Cristian Silviu Buşoi, Charlotte Cederschiöld, Gabriela Creţu, Mia De Vits, Janelly Fourtou, Vicente Miguel Garcés Ramón, Evelyne Gebhardt, Małgorzata Handzlik, Malcolm Harbour, Anna Hedh, Edit Herczog, Iliana Malinova Iotova, Pierre Jonckheer, Alexander Lambsdorff, Kurt Lechner, Lasse Lehtinen, Toine Manders, Arlene McCarthy, Nickolay Mladenov, Catherine Neris, Zita Pleštinská, Giovanni Rivera, Zuzana Roithová, Heide Rühle, Leopold Józef Rutowicz, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Eva-Britt Svensson, Marianne Thyssen, Jacques Toubon, Bernadette Vergnaud, Barbara Weiler, Marian Złotea		
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Emmanouil Angelakas, Colm Burke, Giovanna Corda, Bert Doorn, Brigitte Fouré, Joel Hasse Ferreira, Bilyana Ilieva Raeva, Olle Schmidt, Bogusław Sonik, Janusz Wojciechowski		

## PROCĊEDURA

<b>Titolu</b>	Kundizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks tat-trażmissjoni tal-gass naturali			
<b>Referenzi</b>	COM(2007)0532 – C6-0319/2007 – 2007/0199(COD)			
<b>Data meta ġie kkonsultat il-PE</b>	19.9.2007			
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 11.10.2007			
<b>Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 11.10.2007	ENVI 11.10.2007	IMCO 11.10.2007	
<b>Opinjoni(jiet) mhux mogħtija</b> Data tad-deċiżjoni	ENVI 9.10.2007			
<b>Rapporteur(s)</b> Data tal-ħatra	Atanas Paparizov 9.10.2007			
<b>Eżami fil-kumitat</b>	21.11.2007	19.12.2007	23.1.2008	29.1.2008
	31.1.2008	27.2.2008	26.3.2008	6.5.2008
<b>Data ta' l-adozzjoni</b>	28.5.2008			
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 44	-: 1	0: 3	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jan Březina, Philippe Busquin, Jerzy Buzek, Jorgo Chatzimarkakis, Giles Chichester, Dragoş Florin David, Pilar del Castillo Vera, Den Dover, Adam Gierek, Norbert Glante, Umberto Guidoni, András Gyürk, Fiona Hall, Erna Hennicot-Schoepges, Ján Hudacký, Romana Jordan Cizelj, Werner Langen, Anne Laperrouze, Eugenijus Maldeikis, Eluned Morgan, Angelika Niebler, Reino Paasilinna, Atanas Paparizov, Aldo Patriciello, Francisca Pleguezuelos Aguilar, Anni Podimata, Miloslav Ransdorf, Vladimír Remek, Herbert Reul, Teresa Riera Madurell, Paul Rübig, Andres Tarand, Patrizia Toia, Catherine Trautmann, Claude Turmes, Adina-Ioana Vălean, Alejo Vidal-Quadras			
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Gabriele Albertini, Ivo Belet, Danutė Budreikaitė, Manuel António dos Santos, Robert Goebbels, Satu Hassi, Pierre Pribetich, Bernhard Rapkay, Silvia-Adriana Ţicău			
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Emmanouil Angelakas, Mihaela Popa			